Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 21,632, 28 ta' April, 2026
Taqsima A

MALTA

ATT Nru XV tal-2026

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT sabiex jemenda l-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, Kap. 330.

ACT No. XV of 2026

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to amend the Malta Financial Services Authority Act, Cap. 330.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) **MYRIAM SPITERI DEBONO**
President

28 ta' April, 2026

ATT Nru XV tal-2026

ATT sabiex jemenda l-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, Kap. 330.

IL-PRESIDENT bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħarġet b'liġi dan li ġej:-

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

Kap. 330.

1. (1) It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu l-Att tal-2026 li jemenda l-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta u dan l-Att għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ l-"Att prinċipali".

(2) Dan l-Att għandu jidħol fis-seħħ f'dik id-data jew dati li l-Ministru responsabbli għar-regolamentazzjoni tas-servizzi finanzjarji jista', b'avviż fil-Gazzetta, jistabbilixxi u jistgħu jiġu hekk stabbiliti dati differenti għal dispożizzjonijiet u, jew għanijiet differenti ta' dan l-Att.

Emendi ġenerali tal-Att prinċipali.

2. L-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-kliem "mis-Sezzjoni għar-Riżoluzzjoni", kull fejn jokkorru, għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "mit-Taqsima ta' Riżoluzzjoni";

(b) il-kliem "tas-Sezzjoni għar-Riżoluzzjoni", kull fejn jokkorru, għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "tat-Taqsima ta' Riżoluzzjoni";

(ċ) il-kliem "Is-Sezzjoni għar-Riżoluzzjoni", kull fejn jokkorru, għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "It-Taqsima ta' Riżoluzzjoni";

(d) il-kliem "Sezzjoni għar-Riżoluzzjoni", kull fejn jokkorru, għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Taqsima ta' Riżoluzzjoni";

(e) il-kliem "Chairman" u "chairman", kull fejn jokkorru, għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Chairperson" u "chairperson" rispettivament.

Emenda tal-artikolu 2 tal-Att prinċipali.

3. L-artikolu 2 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minnufih wara t-tifsira "Awtorità" għandha tiġi miżjuda t-tifsira ġdida li ġejja:

" "awtorizzazzjoni" tfisser kwalunkwe forma ta' awtorizzazzjoni mogħtija mill-Awtorità lil xi entità jew individwu, li ma tkunx liċenzja, u tinkludi reġistrazzjoni, rikonoxximent, notifika jew kwalunkwe forma oħra ta' approvazzjoni jew permess;";

(b) minnufih wara t-tifsira "il-BRRD" għandha tiġi miżjuda t-tifsira ġdida li ġejja:

" "Deputat Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni" tfisser uffiċjal responsabbli sabiex jassisti u jkun ta' sostenn għall-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni fil-qadi tad-dmirijiet u responsabbiltajiet tiegħu, maħtur skont l-artikolu 7D;";

(ċ) it-tifsira "Direttorat" għandha tiġi sostitwita bit-tifsira ġdida li ġejja:

" "Direttorat" tfisser sezzjoni tal-Awtorità mwaqqfa mill-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni wara konsultazzjoni mal-Bord tal-Gvernaturi, magħmula minn numru ta' sottosezzjonijiet jew unitajiet responsabbli għall-funzjonijiet differenti u oqsma ta' operat tal-Awtorità;";

(d) it-tifsira "istituzzjoni" għandha tiġi sostitwita bit-tifsira ġdida li ġejja:

" "istituzzjoni" tfisser istituzzjoni ta' kreditu jew

ditta ta’ investiment għall-finijiet tal-BRRD;";

(e) it-tifsira "Konsulent Ġenerali" għandha tiġi sostitwita bit-tifsira ġdida li ġejja:

" "Konsulent Ġenerali" tfisser l-Uffiċjal Ewlieni li jmexxi d-Direttorat responsabbli għal affarjiet legali;";

(f) it-tifsira "Kumitat dwar Deċiżjonijiet tal-Infurzar" għandha tiġi sostitwita bit-tifsira ġdida li ġejja:

" "Kumitat dwar Deċiżjonijiet tal-Infurzar" tfisser il-Kumitat imwaqqaf bl-artikolu 11;";

(g) minnufih wara t-tifsira "Kumitat dwar Deċiżjonijiet tal-Infurzar", kif sostitwita, għandha tiġi miżjuda t-tifsira ġdida li ġejja:

" "Kumitat dwar Deċiżjonijiet Regolatorji" tfisser il-Kumitat imwaqqaf bl-artikolu 10A;";

(h) it-tifsira "Kumitat Eżekuttiv" għandha tiġi sostitwita bit-tifsira ġdida li ġejja:

" "Kumitat Eżekuttiv" tfisser il-Kumitat imwaqqaf bl-artikolu 9;";

(i) minnufih wara t-tifsira "Kumitat Eżekuttiv", kif sostitwita, għandha tiġi miżjuda t-tifsira ġdida li ġejja:

" "Kumitat dwar Deċiżjonijiet dwar is-Swieq Kapitali" tfisser il-Kumitat imwaqqaf bl-artikolu 10B;";

(j) it-tifsira "Kumitat ta’ Verifika" għandha tiġi sostitwita bit-tifsira ġdida li ġejja:

" "Kumitat ta’ Verifika u Riskju" tfisser il-Kumitat imwaqqaf bl-artikolu 12A;";

(k) minnufih wara t-tifsira "Ministru" għandu jiġi miżjud it-tifsir ġdid li ġej:

" "MTF" tfisser Faċilità ta’ Negozju Multilaterali mħaddem minn ditta ta’ investiment jew operatur fis-suq, li tħaddan fiha flimkien interessi terzi multipli ta’ bejgħ u ta’ xiri fi strumenti finanzjarji fis-sistema u skont regoli mhux diskrezzjonali, b’mod li twassal għal kuntratt skont it-Titolu II tal-MiFID;

"OTF" tfisser Faċilità ta' Negozju Organizzata li ma tkunx suq regolat jew MTF u li fiha interessi terzi multipli ta' bejgħ u ta' xiri f'bonds, prodotti finanzjarji strutturati, permessi ta' emissjoni jew derivattivi jkunu jistgħu jaġixxu flimkien fis-sistema b'mod li jwassal għal kuntratt skont it-Titolu II tal-MiFID;";

(l) it-tifsira "servizzi finanzjarji" għandha tiġi sostitwita bit-tifsira ġdida li ġejja:

" "servizzi finanzjarji" tfisser il-kummerċ ta' krediti u ta' istituzzjonijiet finanzjarji, il-kummerċ tal-assigurazzjoni u tal-attivitajiet ta' intermedjarji fl-assigurazzjoni, l-għoti ta' servizzi ta' investiment u skemi ta' investiment kollettiv, pensjonijiet u l-fondi għal min jirtira, swieq regolati, depożitarji ċentrali tat-titoli, l-għoti ta' servizzi li għandhom x'jaqsmu ma' kriptoassi inklużi l-ħruġ tagħhom, l-offerti lill-pubbliku u ammissjoni għan-negozjar, in-negozju ta' *trustees*, *trusts* u provdituri ta' servizz lil kumpaniji, u dawk l-oqsma l-oħra ta' attivitajiet jew servizzi finanzjarji li jistgħu jitqiegħdu taħt il-kompetenza ta' sorveljanza u dik regolatorja tal-Awtorità mill-Ministru jew minn kwalunkwe liġi oħra;"

(m) it-tifsira "Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni" għandha tiġi sostitwita bit-tifsira ġdida li ġejja:

" "Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni" tfisser l-Uffiċjal maħtur skont l-artikolu 7D;".

Emenda tal-artikolu 3 tal-Att prinċipali.

4. Is-subartikolu (3) tal-artikolu 3 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit bis-subartikolu ġdid li ġej:

"(3) Kemm-il darba dan l-Att jew kwalunkwe Att ieħor amministrat mill-Awtorità ma jipprovdux xort'oħra, l-Awtorità, inkluż il-korpi tagħha li jieħdu deċiżjonijiet għandhom, fil-qadi tal-funzjonijiet u s-setgħat tagħhom, ikunu awtonomi u għandhom jaġixxu b'mod oġġettiv u indipendenti, u ma għandhomx jitolbu jew jieħdu istruzzjonijiet jew ikunu soġġetti għal kwalunkwe interferenza minn xi awtorità oħra, korp ieħor jew persuna oħra.".

Emenda tal-artikolu 4 tal-Att prinċipali.

5. L-artikolu 4 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subartikolu (1) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fil-paragrafu (a) tiegħu l-kelma "f'Malta;"

għandha tiġi sostitwita bil-kliem "li jingħataw f'Malta jew minn Malta;";

(ii) il-paragrafu (gA) tiegħu għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu ġdid li ġej:

"(gA) li tipprovdi, tippromwovi u trawwem aktar taħriġ, għarfien u edukazzjoni fl-affarijiet kollha relatati mas-servizzi finanzjarji, inkluż litteriżmu finanzjarju;";

(b) is-subartikolu (2) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subartikolu ġdid li ġej:

"(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonjiet tal-artikolu 17:

(a) għall-aħjar qadi tal-funzjonijiet tagħha taħt dan l-Att jew kwalunkwe Att ieħor, l-Awtorità għandha tikkollabora ma' korpi oħra lokali u barranin, dipartimenti u entitajiet tal-Gvern, organizzazzjonijiet internazzjonali, mal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA), l-Awtorità Ewropea dwar il-Banek (EBA), l-Awtorità Ewropea dwar Pensjonijiet tal-Assigurazzjoni u tax-Xogħol (EIOPA), kulleġġi tas-superviżuri, il-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistematiku (ESRB), il-Bank Ċentrali Ewropew (ECB), l-Awtorità Ewropea kontra l-Money Laundering (AMLA), il-Bord ta' Riżoluzzjoni Uniku (SRB) u entitajiet oħra li jeżerċitaw funzjonijiet u setgħat regolatorji, ta' liċenzjar, ta' awtorizzazzjoni, ta' reġistrazzjoni jew ta' sorveljanza taħt kwalunkwe liġi f'Malta jew barra minn Malta jew li xort'oħra jsegwu jew jissorveljaw oqsma jew attivitajiet fis-settur tas-servizzi finanzjarji u r-reġistrazzjoni ta' soċjetajiet kummerċjali, u li tagħmel arranġamenti għal skambju reċiproku ta' informazzjoni jew għal forom oħra ta' għajnuna fuq ħwejjeġ regolatorji jew ta' sorveljanza; u

(b) fil-qadi tal-funzjonijiet tagħha taħt dan l-Att jew taħt xi Att ieħor l-Awtorità għandha wkoll tikkollabora ma' awtoritajiet lokali jew barranin ta' infurzar tal-liġi, ta' informazzjoni, ta' prosekuzzjoni u ġudizzjarji.";

(ċ) minnufih wara s-subartikolu (2) tiegħu, kif sostitwit, għandhom jiġu miżjuda s-subartikoli ġodda li ġejjin:

"(2a) Għall-aħjar twettiq tal-funzjoni tagħha taħt is-subartikolu (1)(gA), l-Awtorità tista' tistabbilixxi

akkademja ta' taħriġ jew arranġament ieħor xieraq edukattiv sabiex tipprovdi taħriġ, għarfien u edukazzjoni fi ħwejjeġ relatati mas-settur tas-servizzi finanzjarji, inkluż xejriet u żviluppi fir-regolamentazzjoni u s-superviżjoni.

(2b) L-Awtorità tista' toħloq inizjattivi ta' sħubija pubblika privata ma' korpi ta' partijiet interessati, assoċjazzjonijiet, gruppi jew rappreżentanti tas-settur finanzjarju għall-aħjar twettiq tal-funzjonijiet tagħha, sabiex issaħħaħ l-iskambju ta' informazzjoni fir-rigward ta' kwistjonijiet emerġenti, sabiex tiffaċilita kooperazzjoni u komunikazzjoni bejn l-Awtorità u partijiet interessati, u sabiex tgħolli l-istandards fis-settur tas-servizzi finanzjarji.";

(d) fis-subartikolu (3) tiegħu minnufih wara l-kliem "li għandha x'taqsam mas-servizzi finanzjarji." għandhom jiġu miżjuda l-kliem "L-Awtorità għandu jkollha wkoll id-dritt li titlob imgħax sal-massimu permess mil-liġi fuq kwalunkwe ammont ta' drittijiet jew imposti li l-ħlas tagħhom ikun skada, sad-data li fiha jitħallas tali ammont:

Iżda l-Awtorità tista', f'ċirkostanzi eċċezzjonali u ġustifikabbli, u kif soġġett għall-approvazzjoni tal-Kumitat dwar Deċiżjonijiet Regolatorji, tirrinunzja kwalunkwe drittijiet u, jew imposti preskritti jew imgħax dovut lilha, kompletament jew parzjalment, jew fir-rigward ta' tali perjodu jew kwistjoni kif l-Awtorità tista' tqis ġustifikat:

Iżda wkoll l-Awtorità ma għandhiex, fuq inizjattiva tagħha stess, tirrifondi kwalunkwe dritt, imposta jew imgħax li jkunu diġà ġew imħallsa.".

Sostituzzjoni tal-artikolu 4A tal-Att prinċipali.

6. L-artikolu 4A tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit bl-artikolu ġdid li ġej:

"Liċenzja għandha titqies bħala konċessjoni.

4A. (1) L-għoti ta' liċenzja hu konċessjoni u privileġġ revokabbli, mogħti lil persuni li, minbarra li jissodisfaw ir-rekwiżiti kif jistgħu jiġu stabbiliti mill-Awtorità, jitiqiesu li huma idonei u xierqa, u adatti li jkollhom liċenzja, u l-ebda detentur tagħha ma għandu jitqies li jkun akkwista kwalunkwe dritt vestit fiha jew taħtha. L-oneru tal-prova tal-idoneità ta' detentur tal-liċenzja sabiex jingħata u sabiex ikollu liċenzja għandu jkun dejjem fuq id-detentur tal- liċenzja.

(2) L-Awtorità tista' twettaq verifiki dwar kemm persuna tkun idonea u xierqa u kemm tkun adatta, kif l-Awtorità jidhrilha xieraq qabel ma tingħata liċenzja u kif jidhrilha neċessarju wara, u l-persuna li dwarha tkun qiegħda ssir l-verifika għandha tagħti lill-Awtorità l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha kif l-Awtorità tista' titlob għal dan il-għan.

(3) Kwalunkwe persuna ingaġġata minn applikant għal liċenzja sabiex tipprovdi parir professjonali u assistenza fir-rigward ta' tali applikazzjoni, jew ingaġġata minn detentur ta' liċenzja sabiex tipprovdi parir professjonali u assistenza fir-rigward ta' kwalunkwe kwistjoni regolatorja, u li taġixxi u tikkomunika mal-Awtorità f'isem tali applikant jew detentur ta' liċenzja, għandha twettaq il-verifiki dwar id-diliġenza dovuta u l-integrità fuq tali applikant jew detentur ta' liċenzja, u għandha tinforma lill-Awtorità mingħajr dewmien dwar kwalunkwe informazzjoni avversa jew suspettuża identifikata li tista'tkun rilevanti għall-verifika dwar kemm persuna tkun idonea u xierqa u adatta, imwettqa mill-Awtorità fuq tali applikant jew detentur.

(4) Kwalunkwe applikant għal, jew detentur ta' liċenzja u kwalunkwe persuna li tagħti pariri professjonali u assistenza kif imfisser fis-subartikolu (3) li, xjentement u bl-intenzjoni li jagħtu rappreżentazzjoni ħażina dwar kemm applikant jew detentur ta' liċenzja jkun idoneu u xieraq u adatt, jissottomettu lill-Awtorità informazzjoni qarrieqa jew falza fir-rigward ta' kemm applikant jew detentur ta' liċenzja jkun idoneu u xieraq u adatt jew jonqsu milli jissottomettu lill-Awtorità kwalunkwe informazzjoni avversa li dwarha jkunu konxji, li tkun rilevanti għall-finijiet li wieħed jistabbilixxi kemm ikun adatt applikant jew detentur ta' liċenzja, għandhom ikunu ħatja ta' reat u għandhom jeħlu meta jinstabu ħatja multa li ma teċċedix ħamsin elf euro (€50,000).

(5) F'dan l-artikolu liċenzja tinkludi u tapplika għal kwalunkwe liċenzja jew awtorizzazzjoni, irrispettivament mill-mod li bih tissejjaħ, maħruġa mill-Awtorità taħt kwalunkwe liġi li għall-amministrazzjoni tagħha l-Awtorità tkun responsabbli.".

Emenda tal-artikolu 5 tal-Att prinċipali.

7. L-artikolu 5 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subartikolu (1) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-

subartikolu ġdid li ġej:

"(1) L-organi prinċipali tal-Awtorità huma l-Bord tal-Gvernaturi, il-Kumitat Eżekuttiv, il-Kumitat dwar Deċizjonijiet Regolatorji, il-Kumitat dwar Deċiżjonijiet tal-Infurzar, il-Kumitat dwar Deċiżjonijiet dwar is-Swieq Kapitali u l-Kumitat dwar Riżoluzzjoni sal-limitu li l-Awtorità taġixxi bħala l-Awtorità ta' Riżoluzzjoni skont l-artikolu 7B.";

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu l-kliem "Ikun id-dmir tal-organi tal-Awtorità" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Għandu jkun id-dmir tal-organi, tad-Direttorati u tat-Taqsimiet tal-Awtorità".

Emenda tal-artikolu 6 tal-Att prinċipali.

8. L-artikolu 6 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subartikolu (2) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) il-paragrafu (b) tiegħu għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu ġdid li ġej:

"(b) l-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni, li ma għandux ikollu d-dritt għal vot;";

(ii) fil-paragrafu (ċ) tiegħu l-kliem "ħames membri oħra jew aktar" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "sitt membri oħra", il-kliem "ta' servizzi finanzjarji." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "ta' servizzi finanzjarji;" u l-kliem "Il-Bord tal-Gvernaturi għandu jagħżel deputat Chairman mill-Membri tal-Bord." għandhom jiġu mħassra;

(iii) minnufih wara l-paragrafu (ċ) tiegħu, kif emendat, għandu jiġi miżjud il-paragrafu ġdid li ġej:

"(d) Deputat Chairperson magħżul mill-Bord tal-Gvernaturi minn fost il-membri tal-Bord.";

(b) minnufih wara s-subartikolu (2) tiegħu għandu jiġi miżjud is-subartikolu ġdid li ġej:

"(2A) Fejn ikun hemm post battal fost il-membri tal-Bord tal-Gvernaturi għandu jinħatar membru ġdid skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu. Il-ħatra għandha ssir mill-aktar fis u mhux aktar tard minn tliet (3)

xhur minn meta jkun hemm post battal.";

(ċ) is-subartikolu (4) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subartikolu ġdid li ġej:

"(4) Fejn iċ-Chairperson ikun assenti jew ma jkunx jista' jeżerċita l-funzjonijiet u s-setgħat tal-kariga tiegħu u l-Prim Ministru ma jkunx ħatar persuna oħra sabiex taġixxi bħala Chairperson matul il-perjodu ta' assenza jew inabbiltà, id-Deputat Chairperson għandu jwettaq il-funzjonijiet taċ-Chairperson matul tali perjodu.";

(d) fis-subartikolu (5) tiegħu l-kliem "għandhom jirċievu dik ir-remunerazzjoni li l-Ministru jista' minn żmien għal żmien jistabbilixxi." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "għandhom jirċievu tali remunerazzjoni kif stabbilita fl-ittra tal-ħatra tagħhom.";

(e) is-subartikolu (6) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) il-paragrafu (a) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(ia) fis-subparagrafu (vi) tiegħu l-kliem "xi prattika kummerċjali oħra jew mod ieħor" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "xi prattika jew attività kummerċjali oħra jew mod ieħor" u minnufih wara l-kelma "il-kompetenza" għandhom jiġu miżjuda l-kliem ", l-integrità";

(ib) fis-subparagrafu (viii) tiegħu l-kelma "kariga." għandha tiġi sostitwita bil-kliem "kariga; jew";

(iċ) minnufih wara s-subparagrfu (viii) tiegħu, kif emendat, għandhom jiġu miżjuda is-subparagrafi ġodda li ġejjin:

"(ix) tkun ġiet skwalifikata minn kwalunkwe korp professjonali jew regolatorju; jew

(x) tkun instabet ħatja jew qed tiġi akkużata bit-twettiq ta' "reat rilevanti" kif imfisser fl-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità.";

Kap. 621.

(ii) fil-paragrafu (b) tiegħu l-kliem "x'aktarx twettaq dawk ir-responsabbilitajiet u" għandhom jiġu

sostitwiti bil-kliem "x'aktarx twettaq dawk ir-responsabbilitajiet, għar-reputazzjoni u l-integrità tagħha, u";

(iii) il-paragrafu (d) tiegħu għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu ġdid li ġej:

"(d) Membru tal-Bord ma jistax jitneħħa mill-kariga tiegħu mill-Prim Ministru, jew jiġi mitlub li jirreżenja mill-kariga tiegħu ħlief għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fis-subparagrafi (i) sa (x) tal-paragrafu (a) jew minħabba f'inabilità li jwettaq il-funzjonijiet tal-kariga tiegħu, kemm jekk minħabba mard mentali jew fiżiku, jew imġiba ħażina. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu nuqqas ta' attendenza ripetuta u mhux ġustifikata mil-laqgħat tista' titqies li tammonta għal imġiba ħażina.".

Emenda tal-artikolu 7 tal-Att prinċipali.

9. L-artikolu 7 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (2) tiegħu l-kliem "*quorum* ta' mhux inqas minn tliet membri." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "*quorum* ta' mhux inqas minn erba' (4) membri, li jkollhom dritt għal vot.";

(b) fis-subartikolu (3) tiegħu l-kliem "mid-deputat Chairman, jew minn membru" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "mid-Deputat Chairperson, jew fejn kemm iċ-Chairperson kif ukoll id-Deputat Chairperson ikunu assenti, minn membru";

(ċ) fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (5) tiegħu l-kliem "għandu jagħżel persuna biex taġixxi" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "għandu jagħżel uffiċjal tal-Awtorità sabiex jaġixxi".

Thassir tal-artikolu 7A tal-Att prinċipali.

10. L-artikolu 7A tal-Att prinċipali għandu jiġi mħassar.

Sostituzzjoni tal-artikolu 7B tal-Att prinċipali.

11. L-artikolu 7B tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit bl-artikolu ġdid li ġej:

"L-Awtorità ta' Riżoluzzjoni u l-Kumitat ta' Riżoluzzjoni.

7B. (1) (a) L-Awtorità għandha taġixxi wkoll bħala Awtorità ta' Riżoluzzjoni għall-finijiet tal-artikolu 3 tal-BRRD. Il-funzjonijiet tal-Awtorità ta' Riżoluzzjoni għandhom jitwettqu permezz tal-Kumitat ta' Riżoluzzjoni mwaqqaf fis-subartikolu (2).

(b) L-Awtorità għandha toħloq arranġamenti strutturali xierqa sabiex tiżgura li jkun hemm indipendenza operattiva u sabiex jiġu evitati kunflitti ta' interess bejn il-funzjonijiet tagħha ta' sorveljanza u funzjonijiet oħra, u l-funzjoni tagħha ta' riżoluzzjoni taħt dan l-Att.

(2) Għandu jkun hemm Kumitat ta' Riżoluzzjoni li għandu jkollu s-setgħat kollha mogħtija lill-Awtorità ta' Riżoluzzjoni taħt il-BRRD. L-għamla, is-setgħat u l-funzjonijiet tal-Kumitat ta' Riżoluzzjoni għandhom ikunu regolati bid-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Ewwel Skeda u skont kwalunkwe regolamenti li jsiru taħtha. Il-Kumitat ta' Riżoluzzjoni għandu jaġixxi b'mod indipendenti mill-organi tal-Awtorità.".

Emenda tal-artikolu 7Ċ tal-Att prinċipali.

12. Fl-artikolu 7Ċ tal-Att prinċipali l-kliem "l-Awtorità, permezz tal-Kumitat ta' Riżoluzzjoni," għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "l-Awtorità ta' Riżoluzzjoni, permezz tal-Kumitat ta' Riżoluzzjoni".

Żieda ta' artikolu ġdid mal-Att prinċipali.

13. Minnufih wara l-artikolu 7Ċ tal-Att prinċipali għandu jiġi miżjud l-artikolu ġdid li ġej:

"L-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni u d-Deputati Uffiċjali Eżekuttivi Ewlenin.

7D. (1) L-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni għandu jinħatar mill-Bord tal-Gvernaturi skont tali proċeduri u skont it-termini u l-kondizzjonijiet li l-Bord jista' jiddetermina.

(2) L-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni għandu jkun responsabbli:

(a) għall-operat u t-twettiq ġenerali mill-Awtorità;

(b) għall-implimentazzjoni tal-objettivi, l-istrateġija u l-politiki tal-Awtorità;

(ċ) għat-tmexxija tal-Kumitat Eżekuttiv;

(d) għall-monitoraġġ u s-superviżjoni tal-Kumitat dwar Deċiżjonijiet Regolatorji, il-Kumitat dwar Deċiżjonijiet dwar is-Swieq Kapitali, il-Kumitat dwar Deċiżjonijiet tal-Infurzar u tad-Direttorati u tat-Taqsimiet kollha tal-Awtorità sabiex jiżgura l-implimentazzjoni xierqa u effettiva tal-funzjonijiet tal-Awtorità skont il-liġi;

(e) għall-affarijiet amministrattivi tal-Awtorità, inkluż il-ġestjoni u l-finanzi tal-Awtorità, riżorsi umani u servizzi anċillari;

(f) għat-twaqqif u s-setgħat ta' Direttorati u Taqsimiet u d-determinazzjoni dwar il-funzjonijiet rispettivi tad-Direttorati u tat-Taqsimiet hekk stabbiliti; u

(g) għal kwalunkwe ħaġa oħra kif jista' jiġi determinat mill-Bord tal-Gvernaturi.

(3) L-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni għandu, wara konsultazzjoni mal-Bord tal-Gvernaturi, jaħtar Deputat Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni jew aktar sabiex jassisti fit-twettiq tad-dmirijiet u r-responsabbiltajiet tiegħu.

(4) Persuna ma għandhiex tkun eliġibbli sabiex tinħatar Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni jew Deputat Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni jekk ma tkunx persuna idonea u xierqa sabiex ikollha tali kariga.

(5) Fid-determinazzjoni jekk persuna tkunx persuna idonea u xierqa għandhom jitqiesu l-onestà ta' dik il-persuna, il-kompetenza tagħha u kemm hi matura fil-ġudizzju tagħha sabiex twettaq ir-responsabbiltajiet ta' dik il-kariga, ir-reputazzjoni u l-integrità tagħha, u d-diliġenza li biha x'aktarx twettaq dawk ir-responsabbiltajiet.

(6) Il-Bord tal-Gvernaturi jista' jaħtar kwalunkwe wieħed mid-Deputati Uffiċjali Eżekuttivi Ewlenin tal-Awtorità sabiex jaġixxi ta' Aġent Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni meta l-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni ma jkunx jista' jaġixxi, jew meta jkun hemm vakanza fil-kariga tal-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni.".

Sostituzzjoni tal-artikolu 9 tal-Att prinċipali.

14. L-artikolu 9 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit bl-artikolu ġdid li ġej:

"Il-Kumitat Eżekuttiv.

9. (1) Għandu jkun hemm Kumitat Eżekuttiv li għandu jkun responsabbli:

(a) għall-koordinazzjoni u l-monitoraġġ tal-objettivi statutorji u strateġiċi, u l-politiki tal-Awtorità;

(b) li jiżgura li jkun hemm koordinazzjoni u komunikazzjoni bejn id-Direttorati u t-Taqsimiet differenti tal-Awtorità;

(ċ) għall-approvazzjoni ta' regoli regolatorji magħmula mill-Awtorità u leġiżlazzjoni proposta;

(d) li jipproponi politika u rakkomandazzjonijiet oħra lill-Bord tal-Gvernaturi fuq ħwejjeġ li jaqgħu fi ħdan il-mandat tal-Awtorità; u

(e) kwalunkwe ħaġa oħra li tista' tiġi determinata mill-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni u mill-Bord tal-Gvernaturi.

(2) Il-Kumitat Eżekuttiv jista' minn żmien għal żmien jiddelega bil-miktub kwalunkwe mill-funzjonijiet u setgħat tiegħu fuq tali materji u bla ħsara għal tali kondizzjonijiet u modalitajiet kif jista' jiġi speċifikat fid-delega, bla ħsara għat-termini u l-perjodu ta' żmien tad-delega kif determinat mill-Kumitat Eżekuttiv, lill-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni jew lil wieħed jew aktar mill-membri tal-Kumitat Eżekuttiv. Kwalunkwe tali delega għandha tiġi approvata mill-Bord tal-Gvernaturi.

(3) Il-Kumitat Eżekuttiv għandu jikkonsisti mill-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni, li għandu jippresjedi fih, u d-Deputati Uffiċjali Eżekuttivi Ewlenin:

Iżda l-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni jista' jaħtar kwalunkwe wieħed jew aktar mill-Uffiċjali Ewlenin tal-Awtorità fuq il-Kumitat Eżekuttiv, kif jista' jidhirlu xieraq:

Iżda wkoll il-Kumitat Eżekuttiv għandu jkun magħmul minn mhux inqas minn ħames (5) membri.

(4) L-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni għandu jinnomina wieħed mill-uffiċjali tal-Awtorità sabiex jaġixxi ta' Segretarju għall-Kumitat Eżekuttiv għal tali żmien u taħt tali termini u kondizzjonijiet kif l-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni jista' jidhirlu xieraq.

(5) Is-Segretarju għandu jkollu d-dmir li jagħmel it-tħejjijiet meħtieġa għal-laqgħat tal-Kumitat Eżekuttiv u għandu jżomm minuti ta' dawk il-laqgħat.

(6) Il-*quorum* meħtieġ għal-laqgħat tal-Kumitat Eżekuttiv għandu jkun ta' mhux inqas minn erba' (4) membri, li għandhom jinkludu l-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni. Id-deċiżjonijiet tal-Kumitat għandhom jittieħdu b'maġġoranza tal-voti tal-membri preżenti u fil-każ ta' voti ndaqs l-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni għandu jkollu kemm vot oriġinali kif ukoll it-tieni vot jew vot deċiżiv. Il-Kumitat għandu jirregola l-proċedura tiegħu stess.".

Żieda ta' artikoli ġodda mal-Att prinċipali.

15. Minnufih wara l-artikolu 10 tal-Att prinċipali għandhom

jiġu miżjuda l-artikoli ġodda li ġejjin:

"Il-Kumitat dwar Deċiżjonijiet Regolatorji.

10A. (1) Għandu jkun hemm Kumitat dwar Deċiżjonijiet Regolatorji li għandu jkun responsabbli għall-implimentazzjoni tal-qafas regolatorju fis-settur tas-servizzi finanzjarji u, bla ħsara għall-ġeneralità ta' dak li ntqal qabel, għandu b'mod partikolari jkun responsabbli:

(a) li jikkunsidra u jivvaluta applikazzjonijiet għal-liċenzji u kwalunkwe awtorizzazzjonijiet oħra, inkluż applikazzjonijiet għar-restrizzjoni volontarja, modifika, sospensjoni jew tħassir tagħhom, u li jiddeċiedi dwar l-approvazzjoni jew iċ-ċaħda tagħhom;

(b) li joħroġ liċenzji jew awtorizzazzjonijiet oħra;

(ċ) li jwettaq monitoraġġ u sorveljanza fuq persuni liċenzjati jew awtorizzati mill-Awtorità fis-settur finanzjarju sabiex jivverifika l-konformità tagħhom mal-obbligi regolatorji;

(d) li jikkunsidra, jivvaluta u jirrevedi s-sejbiet superviżorji u rakkomandazzjonijiet li jistgħu jinġiebu quddiemu mid-direttorati superviżorji u jikkonferma, jimmodifika jew jiċħad tali sejbiet u rakkomandazzjonijiet kif jista' jidhirlu xieraq;

(e) li jieħu kull tip ta' deċiżjonijiet u miżuri regolatorji kif l-Awtorità hi b'dan l-Att jew kwalunkwe Att ieħor jew regolamenti, mogħtija s-setgħa li tieħu sabiex tissalvagwardja, tiżgura jew terġa' ġġib fis-seħħ il-konformità mar-rekwiżiti regolatorji u, jew sabiex tissalvagwardja l-interessi tal-konsumaturi ta' servizzi finanzjarji u, jew l-integrità tas-sistema finanzjarja, inkluż il-ħruġ ta' kwalunkwe direttiva jew direttivi jew tieħu tali miżura oħra, kif il-Kumitat dwar Deċiżjonijiet Regolatorji jista' jidhirlu meħtieġ fiċ-ċirkostanzi, u fejn iċ-ċirkostanzi serji jkunu jeħtieġu li tittieħed azzjoni immedjata, l-imsemmi Kumitat jista' jieħu deċiżjonijiet u miżuri urġenti u kawtelatorji, inkluż li temporanjament jillimita l-attivitajiet tan-negozju:

Iżda l-Kumitat dwar Deċiżjonijiet Regolatorji ma għandux ikollu s-setgħa li jimponi kwalunkwe modifika, restrizzjoni, sospensjoni jew tħassir ta' liċenzja jew xi forma oħra ta' awtorizzazzjoni, jew li jimponi penali amministrattiva;

(f) li jaħtar jew li jitlob il-ħatra ta' persuna kwalifikata, jew jaħtar persuna tas-sengħa jew spettur jew jaħtar amministratur temporanju jew jaħtar persuna kompetenti kif jista' jkun meħtieġ taħt kwalunkwe liġi amministrata mill-Awtorità bl-għan li tagħti pariri lil jew tassisti detentur ta' liċenzja jew ta' awtorizzazzjoni fit-tmexxija tan-negozju tiegħu jew taħtar kwalunkwe persuna oħra li jkollha l-għarfien espert meħtieġ kif il-Kumitat dwar Deċiżjonijiet Regolatorji jista' jidhirlu neċessarju sabiex tassisti lill-Awtorità fil-funzjoni tagħha ta' sorveljanza;

(g) li jiddeċiedi dwar jekk kwalunkwe kwistjoni regolatorja, inkluż każ ta' nuqqas ta' konformita, jew ksur potenzjali tar-rekwiżiti regolatorji, jew ta' suspett ta' mġiba ħażina jew aġir ħażin għandhomx jintbagħtu lid-Direttorat ta' Infurzar għal stħarriġ, investigazzjoni u, jew azzjoni ta' infuzar ulterjuri;

(h) li jikkonsulta ma' u, jew jirreferi lit-Taqsima ta' Riżoluzzjoni u, jew lill-Kumitat ta' Riżoluzzjoni kwalunkwe kwistjoni kif il-Kumitat dwar Deċiżjonijiet Regolatorji jista' jidhirlu xieraq; u

(i) għal kwalunkwe materja oħra li tista' tiġi determinata mill-Bord tal-Gvernaturi.

(2) Għall-fini tat-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu, il-Kumitat dwar Deċiżjonijiet Regolatorji għandu jkollu s-setgħat rilevanti kollha li huma vestiti fl-Awtorità b'dan l-Att jew taħt xi Att ieħor amministrat mill-Awtorità.

(3) Il-Kumitat dwar Deċiżjonijiet Regolatorji jista' minn żmien għal żmien jiddelega bil-miktub kwalunkwe mill-funzjonijiet jew setgħat tiegħu, dwar tali kwistjonijiet u bla ħsara għal tali kondizzjonijiet u modalitajiet kif jista' jiġi speċifikat fid-delega, kif soġġett għat-termini u t-tul ta' żmien kif determinat mill-imsemmi Kumitat, lil wieħed jew aktar mill-membri tiegħu, kwalunkwe wieħed jew iżjed mis-sottokumitati li jistgħu jiġu stabbiliti mill-Kumitat dwar Deċiżjonijiet Regolatorji jew lil xi Direttorat jew Taqsima tal-Awtorità, kif jista' jiġi speċifikat. Kwalunkwe delega hekk magħmula għandha tiġi approvata mill-Bord tal-Gvernaturi.

(4) Il-Kumitat dwar Deċiżjonijiet Regolatorji għandu jkun magħmul minn:

(a) Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni, li għandu jippresjedi fih;

(b) Deputat Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni responsabbli għas-sorveljanza settorjali u l-Uffiċjali Ewlenin li jaqgħu taħtu;

(ċ) Deputat Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni responsabbli għas-sorveljanza transettorjali u l-Uffiċjali Ewlenin li jaqgħu taħtu;

(d) Konsulent Ġenerali;

(e) Uffiċjal Ewlieni responsabbli għall-istrateġija u l-politika; u

(f) Uffiċjal Ewlieni responsabbli għas-servizzi diġitali u tal-informazzjoni.

(5) L-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni għandu jinnomina wieħed mill-membri tal-Kumitat dwar Deċiżjonijiet Regolatorji sabiex jaġixxi bħala Deputat Chairperson li għandu jippresjedi fil-laqgħat tal-imsemmi Kumitat fl-assenza tal-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni.

(6) L-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni għandu jinnomina wieħed mill-uffiċjali tal-Awtorità sabiex jaġixxi bħala Segretarju għall-Kumitat dwar Deċiżjonijiet Regolatorji għal tali perjodu u taħt tali termini u kondizzjonijiet kif l-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni jista' jidhirlu xieraq.

(7) Is-Segretarju għandu jkollu d-dmir li jagħmel it-tħejjijiet meħtieġa għal-laqgħat tal-Kumitat dwar Deċiżjonijiet Regolatorji u għandu jżomm minuti ta' dawk il-laqgħat.

(8) Il-*quorum* meħtieġ għal laqgħat tal-Kumitat dwar Deċiżjonijiet Regolatorji għandu jkun ta' mhux inqas minn sitt (6) membri li għandhom jinkludu l-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni jew, fl-assenza tiegħu, id-Deputat Chairperson kif nominat. Id-deċiżjonijiet tal-imsemmi Kumitat għandhom jittieħdu b'maġġoranza tal-voti tal-membri preżenti u fil-każ ta' voti ndaqs, l-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni jew id-Deputat Chairperson, li jippresjedi l-laqgħa għandu jkollu vot oriġinali kif ukoll it-tieni vot jew vot deċiżiv. Il-Kumitat għandu, jirregola l-proċedura tiegħu stess.

(9) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 8, il-Kumitat dwar Deċiżjonijiet Regolatorji jista' minn żmien għal żmien jawtorizza lil xi wieħed jew aktar mill-uffiċjali anzjani tal-Awtorità li jiffirmaw liċenzja, kategorija ta' liċenzja jew kwalunkwe forma oħra ta' awtorizzazzjoni jew deċiżjoni, kif jista' jidhirlu xieraq.

(10) Il-Kumitat dwar Deċiżjonijiet Regolatorji għandu jissottometti rapport annwali lill-Kumitat Eżekuttiv li jipprovdi statistika u informazzjoni, li ma tispeċifikax il-każ, dwar it-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu.

Il-Kumitat dwar Deċiżjonijiet dwar is-Swieq Kapitali.

10B. (1) Għandu jkun hemm Kumitat dwar Deċiżjonijiet dwar is-Swieq Kapitali li għandu jkun responsabbli:

(a) li jimplimenta l-politiki dwar swieq kapitali u l-ammissibbiltà għall-elenkar u n-negozjar ta' strumenti finanzjarji kif jista' jiġi stabbilit mill-Bord tal-Gvernaturi minn żmien għal żmien;

(b) li jikkunsidra, jivvaluta, jawtorizza jew jiċħad applikazzjonijiet għall-ammissibbiltà għall-elenkar u n-negozjar, jew talbiet sabiex jitwaqqaf jew jiġi sospiż l-elenkar jew in-negozjar ta' strumenti finanzjarji jew għal derogi minn rekwiżiti jew kondizzjonijiet applikabbli kif jista' jkun permess skont il-liġijiet, regoli u regolamenti applikabbli;

(ċ) li japprova prospetti;

(d) li japprova programmi ta' bonds koperti;

(e) li jiżgura l-konformità ma' kwalunkwe rekwiżiti jew kondizzjonijiet applikabbli għal mittenti u stabbiliti għal strumenti finanzjarji elenkati u negozjati;

(f) li jwettaq monitoraġġ tas-suq kapitali sabiex tiġi żgurata l-integrità tas-suq, il-protezzjoni tal-investitur u l-prevenzjoni ta' abbuż tas-suq;

(g) li jieħu kull tip ta' deċiżjonijiet u miżuri regolatorji kif l-Awtorità għandha s-setgħa tieħu permezz ta' dan l-Att jew kwalunkwe Att ieħor jew regolamenti fir-rigward ta' swieq kapitali għall-fini li jissalvagwardja, jiżgura jew jerġa' jġib fis-seħħ il-konformità mar-rekwiżiti regolatorji u, jew sabiex jissalvagwardja l-interessi ta' investituri u, jew l-integrità tas-suq kapitali, inkluż il-ħruġ ta' kwalunkwe direttiva jew direttivi jew it-teħid ta' tali miżura oħra kif il-Kumitat dwar Deċiżjonijiet dwar is-Swieq Kapitali jista' jidhirlu li tkun neċessarja fiċ-ċirkostanzi. Fejn iċ-ċirkostanzi serji jitolbu t-teħid ta' azzjoni immedjata, l-imsemmi Kumitat jista' jieħu deċiżjonijiet u miżuri urġenti u, jew kawtelatorji sabiex jiġu limitati temporanjament l-attivitajiet tan-negozju:

Iżda l-Kumitat ma għandux ikollu s-setgħa li jirtira approvazzjoni għal programmi ta' bonds koperti, jew ineħħi strumenti finanzjarji elenkati mill-elenkar u, jew jinnegozja f'suq regolat awtorizzat jew ineħħi strumenti finanzjarji milli jinnegozjaw f'MTF jew f'OTF, jew jaħtar amministratur speċjali, jew jimponi penali amministrattiva;

(h) li jiddeċiedi jekk każ ta' nuqqas ta' konformità, jew ta' ksur potenzjali tar-rekwiżiti regolatorji, jew ta' suspett dwar abbuż, imġiba ħażina jew aġir ħażin għandhomx jintbagħtu lid-Direttorat dwar l-Infurzar għal investigazzjoni u, jew azzjoni ta' infurzar ulterjuri;

(i) li jikkonsulta ma' u, jew jibgħat lit-Taqsima ta' Riżoluzzjoni u, jew lill-Kumitat ta' Riżoluzzjoni kwalunkwe kwistjoni li l-Kumitat dwar Deċiżjonijiet dwar is-Swieq Kapitali jista' jqis li hi xierqa; u

(j) għal kwalunkwe ħaġa oħra li l-Bord tal-Gvernaturi jista' jiddetermina.

(2) Għall-fini tat-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu, il-Kumitat dwar Deċiżjonijiet dwar is-Swieq Kapitali għandu jkollu s-setgħat rilevanti kollha li huma vestiti fl-Awtorità taħt dan l-Att jew xi Att ieħor amministrat mill-Awtorità.

(3) Il-Kumitat dwar Deċiżjonijiet dwar is-Swieq Kapitali jista' minn żmien għal żmien jiddelega bil-miktub kwalunkwe mill-funzjonijiet u s-setgħat tiegħu, dwar tali kwistjonijiet u bla ħsara għal tali kondizzjonijiet u modalitajiet kif jista' jiġi speċifikat fid-delega, kif soġġett għat-termini u għat-tul tad-delega kif jista' jiġi determinat mill-Kumitat, lil kwalunkwe sottokumitat wieħed jew iżjed li jistgħu jiġu stabbiliti mill-Kumitat jew minn Direttorat u Taqsima tal-Awtorità, kif jista' jiġi speċifikat. Kull tali delega għandha tiġi approvata mill-Bord tal-Gvernaturi.

(4) Il-Kumitat dwar Deċiżjonijiet dwar is-Swieq Kapitali għandu jikkonsisti minn:

(a) Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni;

(b) Deputat Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni responsabbli għas-sorveljanza settorjali;

(ċ) Deputat Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni responsabbli għas-sorveljanza transettorjali; u

(d) żewġ (2) membri tal-Bord tal-Gvernaturi, li wieħed minnhom għandu jaġixxi bħala Chairperson tal-Kumitat, maħtur mill-Bord.

(5) Iċ-Chairperson tal-Kumitat dwar Deċiżjonijiet dwar is-Swieq Kapitali għandu jinnomina wieħed mill-uffiċjali tal-Awtorità sabiex jaġixxi bħala Segretarju tal-Kumitat għal tali perjodu u taħt tali termini u kondizzjonijiet kif l-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni jqis xieraq.

(6) Is-Segretarju għandu jkollu d-dmir li jagħmel it-tħejjijiet meħtieġa għal-laqgħat tal-Kumitat dwar Deċiżjonijiet dwar is-Swieq Kapitali u għandu jżomm minuti ta' dawk il-laqgħat.

(7) Il-*quorum* meħtieġ għal laqgħat tal-Kumitat dwar Deċiżjonijiet dwar is-Swieq Kapitali għandu jkun ta' mhux inqas minn tliet (3) membri, li għandhom jinkludu ċ-Chairperson jew, fl-assenza tiegħu, l-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni li għandu jippresjedi waqt il-laqgħa. Id-deċiżjonijiet tal-Kumitat għandhom jittieħdu b'maġġoranza tal-voti tal-membri preżenti, u fil-każ ta' voti ndaqs, iċ-Chairperson jew l-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni, li jkun qiegħed jippresjedi l-laqgħa għandu jkollu vot oriġinali kif ukoll it-tieni vot jew vot deċiżiv. Il-Kumitat għandu jirregola l-proċedura tiegħu stess.

(8) Il-Kumitat dwar Deċiżjonijiet dwar is-Swieq Kapitali għandu jissottometti rapport annwali lill-Kumitat Eżekuttiv, li jipprovdi statistika u informazzjoni, li ma tispeċifikax il-każ, dwar it-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu.".

Sostituzzjoni tal-artikolu 11 tal-Att prinċipali.

16. L-artikolu 11 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit bl-artikolu ġdid li ġej:

"Il-Kumitat dwar Deċiżjonijiet tal-Infurzar.

11. (1) Għandu jkun hemm Kumitat dwar Deċiżjonijiet tal-Infurzar li għandu jaġixxi b'mod imparzjali u indipendentement mill-organi l-oħra tal-Awtorità u mill-Kumitat ta' Riżoluzzjoni. Il-Kumitat dwar Deċiżjonijiet tal-Infurzar ma għandu jkun soġġett għall-ebda ordni jew kontroll minn kwalunkwe persuna, awtorità jew korp, u għandu jwettaq il-funzjonijiet tiegħu mingħajr ebda ndħil jew interferenza.

(2) Il-Kumitat dwar Deċiżjonijiet tal-Infurzar għandu jkun responsabbli għall-infurzar tal-qafas regolatorju fis-settur tas-servizzi finanzjarji u bla ħsara għall-ġeneralità ta' dak li ntqal qabel b'mod partikolari għandu jkun responsabbli:

(a) li jikkunsidra b'mod indipendenti u imparzjali, jivvaluta u jirrevedi każijiet ta' infurzar, is-sejbiet ta' investigazzjonijiet u rakkomandazzjonijiet għal azzjoni ta' infurzar, li jinġiebu quddiemu mid-Direttorat tal-Infurzar u li jikkonferma, jimmodifika jew jiċħad tali sejbiet kif jista' jidhirlu xieraq;

(b) li jiddeċiedi jekk l-entità jew il-persuna soġġetta għall-azzjoni ta' infurzar kisritx jew naqsitx milli tikkonforma ma' kwalunkwe dispożizzjoni ta' dan l-Att jew kwalunkwe Att ieħor amministrat mill-Awtorità, jew kwalunkwe regolamenti jew regoli magħmula taħthom, jew kwalunkwe regolamenti jew regoli li jittrasponu l-BRRD, jew xi dispożizzjoni ta' kwalunkwe regolament ieħor applikabbli, jew ma' kwalunkwe kondizzjonijiet imposti fl-liċenzja jew awtorizzazzjoni maħruġa mill-Awtorità jew ma' kwalunkwe direttivi maħruġa mill-Awtorità jew kwalunkwe rekwiżiti regolatorji oħra;

(ċ) fl-eżerċizzju tal-funzjoni tal-infurzar tal-Awtorità, u bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafi (e) u (f) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 10A:

(i) li jieħu kull tip ta' deċiżjonijiet regolatorji kif l-Awtorità għandha s-setgħa li tieħu b'dan l-Att jew kwalunkwe Att jew regolamenti oħra sabiex timponi jew tinforza l-konformità mar-rekwiżiti regolatorji u, jew sabiex tissalvagwardja l-interessi tal-konsumaturi ta' servizzi finanzjarji, investituri u, jew l-integrità tas-sistema finanzjarja u s-swieq finanzjarji, inkluż il-ħruġ ta' kwalunkwe direttiva jew direttivi jew l-impożizzjoni ta' tali miżura oħra kif il-Kumitat dwar Deċiżjonijiet tal-Infurzar jista' jqis meħtieġ;

(ii) li joħroġ ordnijiet għall-iffriżar ta' fondi u, jew attiv ieħor inklużi kontijiet bankarji kif provdut bl-artikolu 16(8), f'isem detentur ta' liċenzja jew awtorizzazzjoni jew kwalunkwe parti terza oħra kif jista' jiġi indikat;

(iii) jaħtar jew jitlob il-ħatra ta' persuna kwalifikata, jew jaħtar persuna tas-sengħa jew spettur jew jaħtar persuna kompetenti jew amministratur kif jista' jkun meħtieġ taħt kwalunkwe liġi amministrata mill-Awtorità jew jaħtar persuna oħra li jkollha l-għarfien espert meħtieġ kif il-Kumitat dwar Deċiżjonijiet tal-Infurzar jista' jqis neċessarju sabiex tassisti lill-Awtorità fil-funzjoni tagħha ta' infurzar;

(iv) jimponi kwalunkwe projbizzjoni jew miżura restrittiva oħra jew limitazzjoni ta' attivitajiet ta' negozju fuq kwalunkwe persuna jew entità li jkollha liċenzja jew awtorizzazzjoni mogħtija mill-Awtorità;

(v) jiddetermina li individwu li jkollu kariga li teħtieġ l-approvazzjoni tal-Awtorità ma għadux meqjus bħala persuna idonea u xierqa sabiex teżerċita l-funzjonijiet u dmirijiet li għalihom ġiet approvata;

(d) li jħassar, jissospendi, jimmodifika jew jirrestrinġi liċenzja jew kwalunkwe forma oħra ta' awtorizzazzjoni;

(e) li jiddeċiedi dwar u jimponi penali amministrattivi fuq kwalunkwe persuna li tkun kisret jew naqset milli tikkonforma ma' kwalunkwe dispożizzjoni ta' dan l-Att jew xi Att ieħor amministrat mill-Awtorità jew ma' kwalunkwe regolamenti jew regoli magħmula taħthom, jew ma' kwalunkwe regolamenti jew regoli li jittrasponu l-BRRD, jew ma' kwalunkwe dispożizzjoni ta' xi regolament ieħor applikabbli, jew ma' kwalunkwe kondizzjonijiet imposti f'liċenzja jew awtorizzazzjoni maħruġa mill-Awtorità, jew ma' kwalunkwe direttivi maħruġa mill-Awtorità, jew kwalunkwe rekwiżiti regolatorji oħra;

(f) li jissospendi jew ineħħi strumenti finanzjarji elenkati mill-elenkar u, jew l-innegozjar f'suq regolat awtorizzat;

(g) li jissospendi jew ineħħi strumenti finanzjarji min-negozjar fuq l-MTF jew l-OTF;

(h) li japprova ftehimiet bonarji skont l-artikolu 15A; u

(i) kwalunkwe ħaġa oħra li tista' tiġi determinata mill-Bord tal-Gvernaturi.

(3) Għall-fini tat-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu, il-Kumitat dwar Deċiżjonijiet tal-Infurzar għandu jkollu s-setgħat rilevanti vestiti fl-Awtorità taħt dan l-Att u taħt kwalunkwe Att ieħor amministrat mill-Awtorità.

(4) Il-Kumitat dwar Deċiżjonijiet tal-Infurzar għandu jkun magħmul mill-persuni li ġejjin:

(a) Deputat Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni responsabbli għall-infurzar;

(b) Deputat Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni responsabbli għall-affarjiet legali;

(ċ) Deputat Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni responsabbli għal servizzi diġitali u korporattivi; u

(d) Uffiċjal Ewlieni responsabbli għall-Verifika tal-Kwalità:

Iżda l-Bord tal-Gvernaturi għandu jaħtar Chairperson u Deputat Chairperson minn fost il-membri tal-Kumitat.

(5) Wieħed mill-uffiċjali tal-Awtorità għandu jkun nominat sabiex jaġixxi bħala Segretarju tal-Kumitat għal tali perjodu u taħt tali termini u kondizzjonijiet kif l-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni jqis xieraq.

(6) Is-Segretarju għandu jkollu d-dmir li jagħmel it-tħejjijiet meħtieġa għal-laqgħat tal-Kumitat dwar Deċiżjonijiet tal-Infurzar u għandu jżomm minuti ta' dawk il-laqgħat.

(7) Il-Kumitat dwar Deċiżjonijiet tal-Infurzar ma għandux iżomm is-seduti tiegħu fil-pubbliku. Il-każijiet għandhom jinġiebu quddiem l-imsemmi Kumitat mid-Direttorat tal-Infurzar. Il-Kumitat għandu jisma' uffiċjali mid-Direttorat tal-Infurzar, uffiċjali oħra tal-Awtorità jew kwalunkwe persuna oħra li tista' tagħti informazzjoni rilevanti u l-entità jew il-persuna soġġetta għall-azzjoni ta' infurzar, qabel ma jieħu deċiżjoni:

Iżda l-entità jew il-persuna soġġetta għall-azzjoni ta' infurzar għandu jkollha dritt li tiġi assistita waqt kwalunkwe smigħ quddiem il-Kumitat.

(8) Il-*quorum* meħtieġ għal-laqgħat tal-Kumitat dwar Deċiżjonijiet tal-Infurzar għandu jkun ta' mhux inqas minn tliet (3) membri, li għandhom jinkludu ċ-Chairperson. Id-deċiżjonijiet tal-Kumitat għandhom jittieħdu b'maġġoranza tal-voti tal-membri preżenti u fil-każ ta' voti ndaqs, iċ-Chairperson għandu jkollu vot oriġinali kif ukoll it-tieni vot jew vot deċiżiv.

(9) Il-Kumitat dwar Deċiżjonijiet tal-Infurzar għandu jżomm is-seduti u jieħu deċiżjonijiet skont ir-regoli tal-ġustizzja naturali u skont il-proċeduri li jissalvagwardjaw id-dritt tas-smigħ xieraq fi żmien raġonevoli, ta' kwalunkwe persuna jew entità soġġetta għal proċeduri quddiem il-Kumitat. Tali proċeduri għandhom jiġu approvati mill-Bord tal-Gvernaturi u għandhom jiġu reżi pubbliċi. L-istandard ta' prova meħtieġa mill-Kumitat għandu jkun dak ta' bilanċ ta' probabbiltajiet.

(10) Il-Kumitat dwar Deċiżjonijiet tal-Infurzar għandu jissottometti rapport annwali lill-Kumitat Eżekuttiv, li jipprovdi statistika u informazzjoni li ma tispeċifikax il-każ, dwar it-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu.".

Sostituzzjoni tal-artikolu 12 tal-Att prinċipali.

17. L-artikolu 12 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit bl-

artikolu ġdid li ġej:

"Id-Direttorat tal-Infurzar.

12. (1) Għandu jkun hemm Direttorat tal-Infurzar li l-funzjoni tiegħu għandha tkun li jittratta ħwejjeġ ta' infurzar taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew kwalunkwe Att ieħor amministrat mill-Awtorità, jew kwalunkwe regolamenti jew regoli magħmula taħthom u bla ħsara għall-ġeneralità ta' dak li ntqal qabel, id-Direttorat tal-Infurzar għandu jkun responsabbli b'mod partikolari:

(a) li jikkunsidra, jivvaluta u, jew jinvestiga kwalunkwe referenzi mibgħuta lilu mill-Kumitat dwar Deċiżjonijiet Regolatorji, il-Kumitat dwar Deċiżjonijiet dwar is-Swieq Kapitali, il-Kumitat ta' Riżoluzzjoni, iċ-Chairperson, l-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni, jew kwalunkwe mid-Direttorati tal-Awtorità, inkluż dawk magħmula fuq informazzjoni u, jew talbiet riċevuti minn awtoritajiet ta' infurzar, ta' intelliġenza jew regolatorji lokali jew barranin, korpi jew entitajiet oħra, jew *network* jew raggruppament li jkun fih tali awtoritajiet ta' infurzar, ta' informazzjoni u regolatorji, lokali jew barranin, jew it-tnejn;

(b) li jikkunsidra, jivvaluta u, jew jinvestiga rapporti u, jew informazzjoni oħra riċevuta b'rabta mal-ksur ta' dan l-Att jew kwalunkwe Att ieħor amministrat mill-Awtorità, jew kwalunkwe regolamenti jew regoli magħmula taħthom jew kwalunkwe rekwiżiti regolatorji oħra u, jew kwalunkwe mġiba ħażina jew aġir ħażin;

(ċ) li jwettaq investigazzjonijiet amministrattivi fir-rigward ta' negozju jew attività ta' servizzi finanzjarji, kemm awtorizzati jew xort'oħra;

(d) li jistabbilixxi ksur potenzjali ta' kwalunkwe dispożizzjoni ta' dan l-Att jew ta' kwalunkwe Att ieħor amministrat mill-Awtorità, jew kwalunkwe regolamenti jew regoli magħmula taħthom, jew kwalunkwe dispożizzjoni ta' xi regolament ieħor applikabbli, jew kwalunkwe regolamenti jew regoli li jittrasponu l-BRRD, jew kwalunkwe mill-kondizzjonijiet imposti f'liċenzja jew awtorizzazzjoni maħruġa mill-Awtorità, jew kwalunkwe direttivi maħruġa mill-Awtorità, jew kwalunkwe rekwiżiti regolatorji oħra, jew abbuż potenzjali ta' suq, jew ta' mġiba ħażina jew aġir ħażin;

(e) li jistabbilixxi l-miżuri regolatorji proposti, penali amministrattivi u, jew sanzjonijiet;

(f) li jikkunsidra u jivvaluta sottomissjonijiet magħmula minn detenturi ta' liċenzja jew ta' awtorizzazzjoni jew minn kwalunkwe persuna oħra fir-rigward tal-ksur potenzjali u l-miżuri regolatorji proposti, penali amministrattivi u, jew sanzjonijiet;

(g) li jagħmel rakkomandazzjonijiet għal azzjoni ta' infurzar lill-Kumitat dwar Deċiżjonijiet tal-Infurzar;

(h) li jimplimenta kwalunkwe deċiżjoni tal-Kumitat dwar Deċiżjonijiet tal-Infurzar, inkluż it-twettiq ta' arranġamenti xierqa u t-twettiq ta' tali azzjonijiet u proċeduri li jistgħu jkunu neċessarji għal dak il-għan;

(i) li jmexxi proċeduri quddiem il-Kumitat dwar Deċiżjonijiet tal-Infurzar, u li jirrappreżenta lill-Awtorità fi proċeduri quddiem it-Tribunal għas-Servizzi Finanzjarji u l-qrati; u

(j) li jwettaq tali dmirijiet oħra li jistgħu jiġu assenjati lilu mill-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni.

(2) Fit-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu taħt is-subartikolu (1)(d) sa (g), id-Direttorat tal-Infurzar għandu jqis l-informazzjoni u l-opinjonijiet mogħtija mill-Kumitat dwar Deċiżjonijiet Regolatorji sabiex jiżgura li jkun hemm allinjament mal-approċċ ta' sorveljanza u ta' infurzar tal-Awtorità, l-objettivi u l-politika rilevanti għall-kwistjoni taħt konsiderazzjoni.

(3) Id-Direttorat tal-Infurzar għandu jkollu, għall-fini li jwettaq il-funzjonijiet tiegħu, is-setgħat rilevanti kollha vestiti fl-Awtorità taħt dan l-Att jew kwalunkwe Att ieħor amministrat mill-Awtorità.

(4) Id-Direttorat tal-Infurzar għandu, malli ssirlu talba, jipprovdi lill-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni informazzjoni, dokumentazzjoni, aġġornamenti u spjegazzjonijiet dwar kwalunkwe azzjoni jew materja ta' infurzar li tkun qiegħda tiġi mmexxija mid-Direttorat.".

Sostituzzjoni tal-artikolu 12A tal-Att prinċipali.

18. L-artikolu 12A tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit bl-artikolu ġdid li ġej:

"Kumitat ta' Verifika u Riskju.

12A. (1) Għandu jkun hemm Kumitat ta' Verifika u Riskju li l-funzjoni tiegħu għandha tkun li:

(a) jiddetermina jekk il-governanza, kontrolli u proċessi ta' ġestjoni tar-riskju tal-Awtorità fl-implimentazzjoni tal-politiki u strateġiji maqbula matul l-attivitajiet tal-Awtorità jkunux adegwati, effettivi u funzjonanti;

(b) jistabbilixxi l-mandat u r-rwol tat-Taqsima ta' Verifika Interna;

(ċ) jivvaluta l-prestazzjoni tat-Taqsima ta' Verifika Interna stabbilita taħt l-artikolu 12B;

(d) jiddetermina l-mandat u r-rwol tat-Taqsima tal-Immaniġġar tar-Riskju u jivvaluta l-prestazzjoni tagħha;

(e) iwettaq tali funzjonijiet oħra li jistgħu jiġu assenjati lilu mill-Bord tal-Gvernaturi.

(2) Fit-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu, il-Kumitat ta' Verifika u Riskju għandu jkollu s-setgħat kollha meħtieġa sabiex ikun jista' jwettaq il-funzjonijiet tiegħu kif suppost, u d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 12B(4) u (5) għandhom, *mutatis mutandis*, japplikaw għall-Kumitat.

(3) Fit-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu taħt is-subartikolu (1)(b) u (d) il-Kumitat ta' Verifika u Riskju għandu jikkonsulta lill-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni dwar kompiti ġodda u l-proċessi li jiġu applikati matul l-attivitajiet tal-Awtorità sabiex tiġi żgurata kopertura sħiħa tal-attivitajiet tal-Awtorità mit-Taqsima ta' Verifika Interna u mit-Taqsima tal-Immaniġġar tar-Riskju. Għal dak li għandu x'jaqsam mal-funzjonijiet tiegħu taħt is-subartikolu (1)(ċ), il-Kumitat ta' Verifika u Riskju għandu jieħu inkonsiderazzjoni l-pjan tal-verifika interna u kwalunkwe rapport dwar stima ta' assigurazzjoni tal-kwalità tal-verifika.

(4) Il-Kumitat ta' Verifika u Riskju għandu jkun magħmul minn:

(a) żewġ (2) co-chairpersons u persuna oħra maħtura mill-Bord tal-Gvernaturi minn fost il-membri tiegħu; u

(b) persuna li għandha l-kompetenza u l-għarfien espert rilevanti, maħtura mill-Bord tal-Gvernaturi.

(5) Il-co-chairpersons u l-membri għandhom jinħatru għal tali żmien, li jkun perjodu ta' mhux aktar minn tliet (3) snin, li jista' jiġi speċifikat fl-ittra tal-ħatra, u għandhom ikunu eliġibbli għal ħatra mill-ġdid; huma għandhom jirċievu tali remunerazzjoni kif il-Bord tal-Gvernaturi jista' jistabbilixxi minn żmien għal żmien.

(6) Wieħed mill-co-chairpersons għandu kemm jista' jkun possibbli jippresjedi l-laqgħat tal-Kumitat dwar materji ta' verifika interna filwaqt li l-co-chairperson l-ieħor għandu kemm jista' jkun possibbli jippresjedi l-laqgħat tal-Kumitat fuq materji ta' riskju.

(7) L-Awtorità għandha tikkonsulta lill-Kumitat ta' Verifika u Riskju qabel ma taħtar lill-uffiċjal jew uffiċjali l-iżjed anzjani fi ħdan it-Taqsima ta' Verifika Interna u t-Taqsima ta' Riskju.

(8) Il-Kumitat ta' Verifika u Riskju għandu jissottometti lill-Bord tal-Gvernaturi pjan ta' verifika annwali li għandu jiġi approvat mill-imsemmi Bord.

(9) Il-Kumitat ta' Verifika u Riskju għandu jirrapporta lill-Bord tal-Gvernaturi dwar il-progress li jkun sar fil-qasam ta' kompetenza tiegħu u dwar il-progress li jkun qiegħed isir mit-Taqsima ta' Verifika Interna u t-Taqsima tal-Immaniġġar tar-Riskju.

(10) Il-membri tal-Kumitat ta' Verifika u Riskju għandhom jaġixxu fil-kapaċità personali tagħhom u skont il-ġudizzju individwali tagħhom u l-Kumitat għandu jkun indipendenti mill-Bord tal-Gvernaturi.

(11) Il-Kumitat ta' Verifika u Riskju għandu jinnomina lil wieħed (1) mill-uffiċjali tal-Awtorità bħala s-Segretarju tiegħu għal tali perjodu u taħt tali termini u kondizzjonijiet kif il-Bord tal-Gvernaturi għandu jqis xierqa.

(12) Il-Kumitat ta' Verifika u Riskju għandu jirregola l-proċedura tiegħu stess.

(13) Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 6(6)(a), (b), (d) u (e) għandhom, sa fejn applikabbli, japplikaw *mutatis mutandis* għall-kariga ta' co-chairpersons u l-membri tal-Kumitat, bis-sostituzzjoni tal-"Kumitat ta' Verifika u Riskju" għal "Bord tal-Gvernaturi", u "Bord tal-Gvernaturi" għal "Prim Ministru".".

Emenda tal-artikolu 12B tal-Att prinċipali.

19. L-artikolu 12B tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu l-kliem "proċessi ta' maniġġar tar-riskju tal-Awtorità." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "proċessi ta' ġestjoni tar-riskju tal-Awtorità u sabiex tmexxi investigazzjonijiet interni dwar kwalunkwe nuqqas ta' osservanza tagħhom jew ta' politiki oħra, proċessi u proċeduri tal-Awtorità kif jista' jiġi ordnat mill-Bord tal-Gvernaturi jew mill-Kumitat ta' Verifika u Riskju jew mill-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni." u l-kliem "Kumitat ta' Verifika" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Kumitat ta' Verifika u Riskju";

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu l-kliem "mid-Direttur tat-Taqsima," għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "mill-Kap tat-Taqsima,";

(ċ) fis-subartikolu (4) tiegħu l-kliem "tista' tivverifika l-partijiet kollha tal-Awtorità," għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "tista' tivverifika u tinvestiga l-partijiet kollha tal-Awtorità," u l-kliem "prestazzjoni ta' verifika." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "prestazzjoni ta' verifika jew investigazzjoni.";

(d) fis-subartikolu (6) tiegħu l-kliem "Kumitat ta' Verifika" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Kumitat ta' Verifika u Riskju".

Sostituzzjoni tal-artikolu 13 tal-Att prinċipali.

20. L-artikolu 13 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit bl-artikolu ġdid li ġej:

"Uffiċjali u impjegati tal-Awtorità.

13. (1) L-Awtorità tista' taħtar Deputati Uffiċjali Eżekuttivi Ewlenin, Uffiċjali Ewlenin, Kapijiet, Deputati Kapijiet u tali uffiċjali u impjegati oħra li jidhrilha li jkunu meħtieġa għat-twettiq effiċjenti tal-funzjonijiet, setgħat u dmirijiet tagħha taħt dan l-Att jew xi liġi oħra. L-għażla u l-ħatra tad-Deputati Uffiċjali Eżekuttivi Ewlenin għandha ssir mill-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni wara konsultazzjoni mal-Bord tal-Gvernaturi. L-uffiċjali u l-impjegati l-oħra tal-Awtorità għandhom jintgħażlu u jiġu maħtura mill-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni skont il-proċeduri u l-kondizzjonijiet li l-Bord tal-Gvernaturi jista' jistabbilixxi:

Iżda l-uffiċjali u l-impjegati tal-Awtorità għandhom jiġi maħtura abbażi ta' kriterji ppubblikati li jkunu oġġettivi u trasparenti u għandhom, fi kwalunkwe waqt, ikunu persuni ta' integrità u kondotta tajba.

(2) L-Awtorità għandha twaqqaf politiki, regoli, projbizzjonijiet u arranġamenti sabiex tipprevjeni kunflitti ta' interess ta' membri tal-persunal skont it-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE. Tali politiki, regoli, projbizzjonijiet u arranġamenti għandhom bħala minimu japplikaw għal kunflitti li jistgħu jqumu permezz ta':

(a) negozjar f'ċerti strumenti finanzjarji; u

(b) impjieg mogħti minn, jew l-aċċettazzjoni ta' xi kuntratt għall-għoti ta' servizzi professjonali matul perjodu ta' żmien stabbilit ma' tali entitajiet li għandhom jiġu identifikati fil-politiki, regoli, projbizzjonijiet u arranġamenti stabbiliti mill-Awtorità.

(3) Il-politiki, regoli, projbizzjonijiet u arranġamenti stabbiliti mill-Awtorità:

(a) għandhom ikunu proporzjonati għar-rwol u responsabbiltajiet tal-membri tal-persunal u għandhom ikunu applikabbli f'dawk iċ-ċirkostanzi, jipprovdu tali termini u kondizzjonijiet u japplikaw għal tali perjodu ta' żmien li jista' jkun neċessarjament raġonevoli sabiex jipprevjenu kunflitti ta' interess minn impjegati u impjegati preċedenti;

(b) għandhom jeħtieġu li membri tal-persunal jagħtu lill-Awtorità dikjarazzjoni ta' interess dwar kwalunkwe parteċipazzjonijiet finanzjarji li jista' jqajjem xi tħassib dwar kunflitti ta' interess u li jiddisponu minnhom jew xort'oħra, kif jista' jiġi preskritt;

(ċ) jistgħu jipprovdu għal eċċezzjonijiet, eżenzjonijiet, derogi u kumpens kif jista' jiġi permess taħt id-Direttiva msemmija fis-subartikolu (2);

(d) ma għandhomx jikkostitwixxu ksur tad-drittijiet tal-ħaddiema kif stabbilit fil-liġi ta' Malta u ksur tad-drittijiet fudamentali rikonoxxuti fil-Kostituzzjoni ta' Malta jew fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea; u

(e) ma għandhomx jirrestringu mingħajr raġuni l-kapaċità tal-Awtorità li teżerċita il-funzjonijiet superviżorji tagħha.

Kap. 9.

(4) Għall-finijiet tal-Kodiċi Kriminali u ta' kwalunkwe dispożizzjoni ta' natura kriminali f'xi liġi oħra, il-membri tal-Awtorità u kull uffiċjal jew impjegat tagħha għandhom jitqiesu bħala uffiċjali pubbliċi.".

Emendi tal-artikolu 14 tal-Att prinċipali.

21. L-artikolu 14 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subartikolu (1) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subartikolu ġdid li ġej:

"Pubblikazzjoni u tixrid ta' informazzjoni.

14. (1) L-Awtorità għandha tagħmel arranġamenti f'dik il-forma u b'dak il-mod li jidhirlha xieraq għad-disseminazzjoni u l-pubblikazzjoni ta' dik l-informazzjoni, miżuri regolatorji u pariri, li jidhirlha li jkunu spedjenti li tpoġġi għad-dispożizzjoni tal-pubbliku, dwar ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu mat-twettiq tal-funzjonijiet tagħha taħt dan l-Att jew xi liġi oħra.";

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu l-kliem "informzzjoni jew pariri" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "informazzjoni, miżuri regolatorji jew pariri".

Żieda ta' artikolu ġdid fl-Att-prinċipali.

22. Minnufih wara l-artikolu 15 tal-Att prinċipali għandu jiġi miżjud l-artikolu ġdid li ġej:

"Ftehim bonarju.

15A. (1) L-Awtorità tista', fid-diskrezzjoni tagħha, fi kwalunkwe waqt meta tkun għaddejja investigazzjoni jew azzjoni oħra mmexxija mid-Direttorat tal-Infurzar, tipproponi jew taqbel ma' talba, biex tidħol għal ftehim bonarju ma' detentur ta' liċenzja jew awtorizzazzjoni jew persuna soġġetta għal azzjoni ta' infurzar, fir-rigward ta' kontravenzjoni, ksur jew nuqqas ta' osservanza ta' xi dispożizzjoni ta' dan l-Att, jew kwalunkwe Att ieħor amministrat mill-Awtorità, kwalunkwe regolamenti jew regoli maħruġa taħthom, kwalunkwe kondizzjonijiet imposti fuq liċenzja jew awtorizzazzjoni maħruġa mill-Awtorità, kwalunkwe direttiva maħruġa mill-Awtorità jew liġi tal-Unjoni Ewropea, kif applikabbli.

(2) L-Awtorità ma għandhiex tidħol fi ftehim bonarju f'każijiet fejn:

(a) il-kontravenzjoni, ksur jew nuqqas ta' osservanza jirrigwardaw:

(i) it-tmexxija ta' attività ta' servizzi finanzjarji mhux awtorizzata;

(ii) reat kriminali għajr reat taħt dan l-Att jew taħt xi Att ieħor amministrat mill-Awtorità; jew

(iii) ksur serju, ripetut u sistematiku ta' liġijiet u regolamenti kontra ħasil ta' flus u l-iffinanzjar tat-terroriżmu;

(b) il-kontravenzjoni, ksur jew nuqqas ta' osservanza huma tali li jistgħu jimminaw l-integrità u, jew il-fiduċja pubblika fi, jew xort'oħra jkollhom impatt avvers fuq is-settur finanzjarju jew ir-reputazzjoni ta' Malta, jew ikunu ta' tali natura li ma jkunx fl-interess pubbliku li tidħol fi ftehim bonarju;

(ċ) wara li tkun saret stima mill-Awtorità, l-individwu li hu soġġett għall-infurzar jitqies li ma għadux jissodisfa l-kriterji sabiex jitqies bħala persuna li hi kompetenti u idonea sabiex tokkupa kariga għolja fi ħdan entità liċenzjata;

(d) id-diskussjoniiet bonarji li jkunu għaddejjin jiġu mwaqqfa minħabba nuqqas ta' interess jew nuqqas ta' kooperazzjoni tad-detentur ta' liċenzja jew awtorizzazzjoni jew tal-persuna soġġetta għall-azzjoni ta' infurzar;

(e) ma jkunx għadu għadda minimu ta' sentejn (2) mill-eżekuzzjoni ta' ftehim bonarju preċedenti mal-istess detentur ta' liċenzja jew awtorizzazzjoni jew persuna:

Iżda l-Awtorità tista', fuq bażi ta' każ b'każ, tikkunsidra jekk tidħolx fi ftehim bonarju mal-istess detentur ta' liċenzja jew awtorizzazzjoni jew persuna fi żmien sentejn (2) mill-eżekuzzjoni ta' ftehim bonarju preċedenti, wara li tikkunsidra l-portata jew xort'oħra tal-ksur li fir-rigward tiegħu kien ġie ffirmat l-ewwel ftehim transattiv u l-portata jew xort'oħra tal-ksur li dwaru jkun qed jiġi propost li jiġi ffirmat it-tieni ftehim bonarju:

Iżda wkoll l-Awtorità ma tistax tidħol għal iktar minn żewġ (2) ftehim bonarji mal-istess detentur ta' liċenzja jew awtorizzazzjoni jew persuna involuta f'perjodu ta' sentejn (2);

(f) id-detentur ta' liċenzja jew awtorizzazzjoni jew il-persuna soġġetta għall-azzjoni ta' infurzar ikun għal darb'oħra, b'mod serju, ripetut u sistematiku, ikkommetta l-istess kontravenzjoni, ksur jew nuqqas, li dwarhom kien ġie ffirmat ftehim bonarju preċedentement; u

(g) tkun diġà ttieħdet deċiżjoni finali dwar il-kwistjoni mill-Kumitat dwar Deċiżjonijiet tal-Infurzar:

Iżda l-Awtorità tista' eċċezzjonalment tikkunsidra li tidħol fi ftehim bonarju wara li tkun ittieħdet deċiżjoni finali mill-Kumitat dwar Deċiżjonijiet tal-Infurzar, fuq bażi ta' każ b'każ.

(3) Ftehim bonarju għandu jiġi approvat mill-Kumitat dwar Deċiżjonijiet tal-Infurzar. Il-ftehim għandu jkun bil-miktub u għandu jkun vinkolanti fuq l-Awtorità u fuq id-detentur ta' liċenzja jew awtorizzazzjoni jew il-persuna involuta. Għandu jistabbilixxi t-termini u l-kondizzjonijiet tal-ftehim u għandu jkun fih:

(a) deskrizzjoni tal-kontravenzjonijiet, ksur u nuqqasijiet kommessi, u l-aċċettazzjoni tagħhom mid-detentur ta' liċenzja jew awtorizzazzjoni jew mill-persuna involuta;

(b) l-azzjoni regolatorja speċifika u, jew il-miżuri oħra li l-Awtorità qablet li għandhom jittieħdu u l-azzjonijiet li ġew aċċettati li għandhom jittieħdu mid-detentur ta' liċenzja jew awtorizzazzjoni jew il-persuna involuta sabiex ikun hemm rimedju għall-kontravenzjonijiet, ksur jew nuqqasijiet kommessi u sabiex tiġi żgurata l-osservanza tal-oqfsa legali u regolatorji applikabbli f'tali perjodi ta' żmien kif jista' jiġi stabbilit mill-Awtorità;

(ċ) l-ammont tal-penali amministrattiva, jekk ikun hemm, u l-ammont tal-penali amministrattiva kif tista' tiġi mnaqqsa skont it-termini tal-ftehim u t-termini u kondizzjonijiet għall-ħlas ta' dak l-ammont; u

(d) rinunzja min-naħa tad-detentur ta' liċenzja jew awtorizzazzjoni jew persuna involuta ta' kull dritt ta' appell jew mod ieħor ta' oġġezzjoni għal xi penali amministrattiva imposta, u r-riżultati u l-miżuri li ġew miftiehma mal-Awtorità.

(4) Fejn il-ftehim bonarju ma jiġix iffirmat minħabba nuqqas ta' interess jew nuqqas ta' kooperazzjoni tad-detentur ta' liċenzja jew awtorizzazzjoni jew tal-persuna soġġetta għall-azzjoni ta' infurzar, jew fi żmien tali perjodu li jista' jiġi deċiż mill-Awtorità, l-Awtorità għandha tgħaddi għall-impożizzjoni tal-penali amministrattiva, fl-ammont sħiħ tagħha, kif kellha l-intenzjoni li timponi u ta' dawk il-miżuri l-oħra li għandha s-setgħa li timponi bil-liġi u kif jidhrilha meħtieġ.

(5) Fejn detentur ta' liċenzja jew awtorizzazzjoni jew il-persuna soġġetta għal azzjoni ta' infurzar jonqsu mingħajr raġuni valida milli jħallsu l-penali amministrattiva mnaqqsa, jekk ikun il-każ, fi żmien dak il-perjodu kif stabbilit fil-ftehim bonarju u, jew milli josservaw it-termini tal-ftehim:

(a) id-detentur ta' liċenzja jew awtorizzazzjoni jew il-persuna involuta għandhom jitilfu kwalunkwe konċessjoni jew benefiċċju ieħor li joħroġ mill-ftehim, inkluż it-tnaqqis tal-penali amministrattiva, jekk ikun il-każ u għandha tkun dovuta u titħallas lill-Awtorità l-penali sħiħa mingħajr tnaqqis;

(b) l-Awtorità għandha, b'avviż bil-miktub, teħtieġ li d-detentur ta' liċenzja jew awtorizzazzjoni jew il-persuna involuta jħallsu l-ammont sħiħ tal-penali amministrattiva mhux imnaqqsa, jekk ikun il-każ, dovuta lill-Awtorità, u, jew josservaw l-azzjonijiet regolatorji speċifiċi u, jew il-miżuri imposti mill-Awtorità fil-ftehim bonarju, u, jew l-azzjonijiet li d-detentur ta' liċenzja jew l-awtorizzazzjoni jew il-persuna involuta kienu qablu dwarhom biex jirrimedjaw għall-kontravenzjonijiet, ksur u, jew nuqqasijiet kommessi u sabiex tiġi żgurata l-osservanza tal-oqfsa legali u regolatorji f'dawk il-perjodi ta' żmien li għandhom jiġu stabbiliti mill-Awworità; u

(ċ) l-Awtorità tista', b'avviż bil-miktub, tieħu tali azzjonijiet jew miżuri regolatorji oħra, kif l-Awtorità għandha s-setgħa li tieħu b'dan l-Att jew b'xi Att ieħor, u kif jistgħu jitqiesu meħtieġa fiċ-ċirkostanzi inklużi li toħroġ direttivi bil-miktub li jeħtieġu lid-detentur ta' liċenzja jew awtorizzazzjoni jew lill-persuna involuta li jagħmlu jew jonqsu milli jagħmlu xi att, inklużi tali projbizzjonijiet, restrizzjonijiet u limitazzjonijiet taħt dawk il-kondizzjonijiet li jistgħu jiġu speċifikati fid-direttivi.

(6) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (5), fejn detentur ta' liċenzja jew awtorizzazzjoni jew persuna soġġetta għall-azzjoni ta' infurzar jonqsu milli josservaw it-termini tal-ftehim bonarju, l-Awtorità tista' tistitwixxi azzjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili sabiex tirkupra mingħand id-detentur ta' liċenzja jew awtorizzazzjoni jew mill-persuna involuta kwalunkwe penali amministrattiva dovuta u pagabbli, u tinforza l-osservanza tat-termini tal-ftehim.

(7) L-Awtorità għandha tistabbilixxi politiki, regoli u proċeduri fir-rigward ta' ftehim bonarju, inklużi politiki dwar it-tnaqqis ta' penali amministrattivi u dwar l-informazzjoni li għandha tiġi ppubblikata mal-eżekuzzjoni ta' ftehim bonarju. Tali politiki u regoli għandhom jiġu approvati mill-Bord tal-Gvernaturi u għandhom jiġu reżi pubbliċi.

(8) Id-dispozizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom ikunu bla ħsara għal xi setgħat oħra li jistgħu jiġu eżerċitati mill-Awtorità skont dan l-Att jew xi liġi oħra.".

Sostituzzjoni tal-artikolu 16 tal-Att prinċipali.

23. L-artikolu 16 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit bl-artikolu ġdid li ġej:

"Setgħat tal-Awtorità.

16. (1) Meta tkun qiegħda teżerċita l-funzjonijiet tagħha taħt dan l-Att jew xi liġi oħra jew xi regolamenti jew regoli magħmula taħthom, u bla ħsara għal xi dritt jew setgħa oħra taħt dan l-Att jew xi liġi oħra jew regolamenti jew regoli magħmula taħthom, l-Awtorità għandu jkollha d-drittijiet u s-setgħat previsti f'dan l-artikolu.

(2) (a) L-Awtorità għandu jkollha s-setgħa u d-dritt li:

(i) ikollha aċċess u dħul raġonevoli fi kwalunkwe fond kummerċjali u, jew xi uffiċċju ta' detentur ta' liċenzja jew awtorizzazzjoni;

(ii) ikollha aċċess għal, u pproċessar ta' kwalunkwe informazzjoni, dokumentazzjoni, data rilevanti u, jew rekords fi kwalunkwe forma miżmuma minn detentur ta' liċenzja jew awtorizzazzjoni jew minn xi persuna oħra, inkluża kwalunkwe persuna li magħha d-detentur ta' liċenzja jew awtorizzazzjoni jista' jkollu jew seta' jkollu arranġament ta' esternalizzazzjoni għaż-żamma tad-data, meta l-Awtorità għandha raġuni sabiex temmen li tali persuna tkun fil-pussess ta' dokumentazzjoni, data, informazzjoni u, jew rekords rilevanti. Is-setgħa u d-dritt ta' aċċess u pproċessar skont dan is-subparagrafu għandu jinkludi aċċess għal data dwar l-assi tal-klijenti u tranżazzjonijiet finanzjarji, rekords telefoniċi jew rekords oħra ta' komunikazzjoni, u aċċess għal kwalunkwe informazzjoni oħra relatata ma', jew li tirrigwarda l-attivitajiet liċenzjati jew awtorizzati mill-Awtorità jew li xort'oħra jaqgħu taħt il-funzjonijiet superviżorji jew regolatorji tagħha:

Iżda fejn detentur ta' liċenzja jew awtorizzazzjoni jinqeda bl-esternalizzazzjoni għaż-żamma tad-data ta' parti terza, tali detentur ta' liċenzja jew awtorizzazzjoni għandu irrevokabbilment jawtorizza lill-Awtorità bil-miktub li jkollha aċċess għal tali data miżmuma minn tali terza parti kif ikun jidhrilha li jkun meħtieġ sabiex teżerċita l-funzjonijiet regolatorji tagħha;

(iii) titlob, minn detentur ta' liċenzja jew awtorizzazzjoni jew minn xi persuna oħra, inkluża kwalunkwe persuna li magħha d-detentur tal-liċenzja jew awtorizzazzjoni jista' jkollu jew seta' jkollu arranġament ta' esternalizzazzjoni għaż-żamma tad-data, tali informazzjoni u data relatata ma', jew li tirrigwarda l-attivitajiet liċenzjati jew awtorizzati mill-Awtorità, kif l-Awtorità tista' tqis meħtieġ sabiex tkun tista' teżerċita l-funzjonijiet tagħha taħt din il-liġi jew xi liġi oħra. Meta ssir talba bil-miktub mill-Awtorità, id-detentur ta' liċenzja jew awtorizzazzjoni jew tali persuna oħra għandhom minnufih jagħtu lill-Awtorità kwalunkwe informazzjoni u data li hi tkun talbet.

(b) Detenturi ta' liċenzja jew ta' awtorizzazzjoni għandhom id-dmir li jżommu l-informazzjoni, id-dokumentazzjoni, data u, jew rekords kollha f'post sigur u b'mod sigur u għandhom jiżguraw li l-informazzjoni, dokumentazzjoni, data u, jew rekords kollha, kull fejn u bi kwalunkwe mod li jinżammu, ikunu aċċessibbli għall-Awtorità l-ħin kollu u mingħajr dewmien.

(ċ) Kwalunkwe persuna li tissottometti informazzjoni u data lill-Awtorità għandu jkollha d-dmir li tiżgura li tali informazzjoni u data jkunu korretti u aġġornati, u għandha tissottometti tali informazzjoni u data qabel ma jgħaddi dak iż-żmien jew dik id-data, u f'dik il-forma jew format, b'dak il-mod u b'dak il-mezz jew metodu, inkluż il-format elettroniku permezz ta' trażmissjoni elettronika u permezz ta' tali sistema elettronika u, jew pjattaforma, flimkien ma', fejn meħtieġa, firma elettronika kwalifikata, kif jista' jiġi speċifikat u meħtieġ mill-Awtorità.

(d) F'dan is-subartikolu "detentur ta' liċenzja jew awtorizzazzjoni" għandha tinkludi persuna li preċedentement kellha liċenzja jew awtorizzazzjoni, u l-impjegati u l-uffiċjali ta' tali detentur ta' liċenzja jew awtorizzazzjoni.

(3) (a) Id-dritt tal-Awtorità li tikseb informazzjoni u data minn detentur ta' liċenzja jew awtorizzazzjoni, jew minn xi wieħed mill-uffiċjali jew impjegati ta' tali detentur, jew minn xi persuna oħra, ma għandu bl-ebda mod jiġi ristrett, imfixkel jew prekluż. Kwalunkwe restrizzjoni li wieħed jitkellem jew obbligu simili ta' kunfidenzjalità jew kwalunkwe kondizzjoni restrittiva oħra li tinħoloq mir-relazzjoni legali jew kuntrattwali bejn id-detentur ta' liċenzja jew awtorizzazzjoni u l-uffiċjali jew l-impjegati tiegħu jew xi persuna oħra għandha, sa fejn tmur kontra dawn id-dispożizzjonijiet jew timpedixxi jew tirrestrinġi d-dritt tal-Awtorità li tirċievi informazzjoni u data meħtieġa għat-twettiq tal-funzjonijiet u dmirijiet regolatoriji tagħha u li joħorġu minn dan l-Att jew xi Att ieħor, tkun nulla u bla effett.

(b) Detentur ta' liċenzja jew awtorizzazzjoni, jew kwalunkwe uffiċjali jew impjegati ta' tali detentur, jew kwalunkwe persuna oħra, ma jistgħux jeċċepixxu xi restrizzjoni kuntrattwali li tiċħadhom milli jiżvelaw jew projbizzjoni simili jew obbligu simili ta' kunfidenzjalità li joħroġ minn, jew li allegatament joħroġ mil-liġi kuntrattwali, jew xort'oħra jirrifjutaw li jikkonformaw ma' talba għal informazzjoni u data mill-Awtorità, u ma għandhom jittieħdu l-ebda azzjoni u miżura dixxiplinarja għall-ksur ta' kuntratt, direttament jew indirettament, minn detentur ta' liċenzja jew awtorizzazzjoni kontra xi uffiċjal jew impjegat tiegħu jew xi persuna oħra li tipprovdi lill-Awtorità xi informazzjoni jew data meħtieġa mill-Awtorità.

(ċ) Għall-finijiet ta' dan is-subartikolu:

(i) "informazzjoni u data" għandha tinkludi spjegazzjonijiet u forom oħra ta' assistenza; u

(ii) "impjegati" u "uffiċjali" għandhom jinkludu impjegati u uffiċjali tal-passat.

(4) Kwalunkwe persuna jew entità li jkollha liċenzja jew xi forma oħra ta' awtorizzazzjoni mogħtija mill-Awtorità sabiex tipprovdi xi tip ta' servizz finanzjarju li jaqa' taħt il-funzjonijiet regolatorji u superviżorji tal-Awtorità, u d-diretturi u maniġers, tkun xi tkun il-kariga tagħhom, jew kwalunkwe persuni oħra li jkunu jew kienu jissorveljaw l-operazzjonijiet jew l-attivitajiet ta' xi entità kif intqal qabel, jew kwalunkwe persuna li twettaq jew kienet twettaq servizz finanzjarju mingħajr il-liċenzja jew l-awtorizzazzjoni meħtieġa għandhom, għall-finijiet li jiġi salvagwardjat l-interess pubbliku fir-regolament effettiv ta' servizzi finanzjarji, id-dmir li jassistu u jikkollaboraw mal-Awtorità sabiex din tkun tista' twettaq il-funzjonijiet regolatorji tagħha inkluż li tissorvelja l-konformità mal-liċenzja jew awtorizzazzjoni applikabbli jew kondizzjonijiet għall-approvazzjoni u ħtiġijiet regolatorji.

(5) Fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħha taħt dan l-Att jew taħt xi liġi oħra l-Awtorità tista':

(a) tieħu kull għamla ta' deċiżjonijiet u miżuri regolatorji li l-Awtorità għandha s-setgħa li tieħu b'dan l-Att jew xi Att ieħor jew regolamenti, kif jista' jidhrilha meħtieġ u xieraq, sabiex tissalvagwardja, tiżgura, tirrimpjazza jew tinforza l-osservanza tal-ħtiġijiet regolatorji u, jew sabiex tissalvagwardja l-interessi tal-konsumaturi ta' servizzi finanzjarji, investitutri u, jew l-integrità tas-sistema finanzjarja u tas-swieq kapitali;

(b) toħroġ direttiva bil-miktub li teħtieġ lil persuna li tagħmel jew li tonqos milli tagħmel xi ħaġa, inklużi projbizzjonijiet, restrizzjonijiet u limitazzjoni ta' attivatijiet ta' negozju, bla ħsara għal tali kondizzjonijiet li jistgħu jiġu speċifikati fid-direttiva u kwalunkwe persuna li lilha tingħata d-direttiva għandha tobdi, tikkonforma ruħha u xort'oħra tagħti effett lil kwalunkwe tali direttiva f'tali żmien u b'tali mod imsemmi fid-direttiva; u

(ċ) tħassar, tissospendi, timmodifika jew tirrestriġi liċenzja ta' servizzi finanzjarji jew xi awtorizzazzjoni oħra mogħtija mill-Awtorità.

(6) Bla ħsara għas-setgħat mogħtija lill-Awtorità taħt dan l-Att jew taħt xi liġi oħra, fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħha u kull meta tqis li jkun neċessarju jew spedjenti, l-Awtorità tista' taħtar kwalunkwe wieħed minn dawn li ġejjin sabiex jassistiha fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħha u, jew sabiex twettaq dawk il-kompiti li l-Awtorità tista' tiddetermina, taħt dawk it-termini u kondizzjonijiet li l-Awtorità tista' tordna:

(a) persuna kwalifikata, sabiex isservi diversi għanijiet, inklużi:

(i) tmexxi analiżi dwar oqsma speċifiċi ta' tħassib;

(ii) tivvaluta r-riskju minn avvenimenti mhux mistennija li jeħtieġu azzjoni immedjata;

(iii) tiġbor informazzjoni dwar xejriet u riskji;

(iv) timplimenta azzjonijiet ta' rimedju wara li jkunu saru reviżjonijiet ta' konformità;

(v) tieħu miżuri preventivi sabiex jitnaqqsu r-riskji, u

(vi) tivvaluta proposti għal bidliet sinifikattivi fil-mudell ta' negozju u governanza ta' ditta:

Iżda l-Awtorità tista' wkoll teħtieġ li l-persuna kwalifikata tiġi appuntata minn detentur ta' liċenzja jew xi persuna oħra;

(b) persuna tas-sengħa li fl-opinjoni tal-Awtorità jkollha l-għarfien neċessarju sabiex tipprovdi l-assistenza metieġa mill-Awtorità. Meta l-persuna tas-sengħa tiġi appuntata skont dan is-subartikolu, id-dispożizzjonijiet li ġejjin ikunu applikabbli:

(i) il-persuna li fir-rigward tagħha tiġi appuntata l-persuna tas-sengħa għandha tikkoopera mal-persuna tas-sengħa u tipprovdi kwalunkwe informazzjoni u dokumentazzjoni, kif jista' jkun meħtieġ, minn tali persuna tas-sengħa fit-twettiq tal-ħatra tagħha;

(ii) l-Awtorità tista' teħtieġ lill-persuna tas-sengħa, *inter alia*, sabiex tagħtiha rapport relatat mal-assistenza mogħtija lill-Awtorità skont it-termini tal-ħatra tagħha; u

(iii) ir-rapport imħejji mill-persuna tas-sengħa skont is-subparagrafu (ii) u approvat mill-Awtorità bil-miktub għandu jkollu għall-finijiet kollha l-istess effett bħal dokument imħejji mill-Awtorità:

Iżda fejn tiġi appuntata persuna tas-sengħa sabiex tħejji rapport indipendenti, din id-dispożizzjoni ma għandhiex tapplika għal tali rapport indipendenti;

(ċ) persuna kompetenti, jew amministratur, amministratur speċjali jew amministratur temporanju, jew spettur kif jista' jkun meħtieġ taħt xi liġi amministrata mill-Awtorità;

(d) tali persuna oħra li, fl-opinjoni tal-Awtorità, għandha l-għarfien meħtieġ sabiex tassisti lill-Awtorità fit-twettiq tal-funzjonijiet regolatorji tagħha u sabiex twettaq dawk il-kompiti kif l-Awtorità tista' tordna.

(7) (a) L-Awtorità tista', sabiex isiru l-ħatriet skont id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (6), toħroġ regoli jew linji gwida li jispjegaw il-proċeduri u r-rekwiżiti, inklużi s-setgħat, dmirijiet u obbligi ta' min ikun appuntat.

(b) Id-drittijiet u l-ispejjeż kollha relatati ma' dawn il-ħatriet, inklużi drittijiet imposti minn min jiġi appuntat, għandhom jitħallsu mill-individwu jew entità li għalihom issir il-ħatra, sakemm ma jkunx deċiż xort'oħra mill-Awtorità.

(ċ) Għall-aħjar twettiq tal-funzjonijiet tagħha taħt dan l-Att jew xi liġi oħra, u sabiex jiġi żgurat li l-Awtorità tista' tagħmel il-ħatriet imsemmija fis-subartikolu (6) b'mod tempestiv u effettiv, l-Awtorità għandha, sabiex tagħmel dawk il-ħatriet, tkun eżentata mid-dispożizzjonijiet ta' regoli u regolamenti dwar l-akkwist pubbliku ta' servizzi li jistgħu jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien.

(8) Fit-twettiq tal-funzjonijiet u setgħat tagħha taħt din il-liġi jew xi liġi oħra, sabiex jiġi salvagwardjat, ippreservat u mxekkel it-tberbiq ta' fondi u assi oħra, fl-interess tal-konsumaturi ta' servizzi finanzjarji u investituri, l-Awtorità għandu jkollha d-dritt li toħroġ ordnijiet għall-iffriżar ta' fondi u, jew assi oħra inklużi kontijiet bankarji f'isem id-detentur ta' liċenzja jew awtorizzazzjoni jew kwalunkwe parti terza kif jista' jiġi indikat għal dak iż-żmien u taħt dawk il-kondizzjonijiet kif l-Awtorità tista' tistabbilixxi bil-miktub. L-ordni tista' wkoll tipprojbixxi lid-detentur ta' liċenzja jew awtorizzazzjoni jew lil tali parti terza oħra milli tittrasferixxi, tiddisponi minn, jew titlef pussess ta' tali fondi jew assi. L-Awtorità tista' tikkomunika dawn l-ordnijiet lil awtorità barranija ta' infurzar jew superviżorja u titlob l-assistenza fl-eżekuzzjoni ta' tali ordnijiet barra minn Malta. Dawn l-ordnijiet jistgħu jiġu wkoll maħruġa wara talba minn awtorità ta' infurzar jew superviżorja barranija. L-Awtorità tista' teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-subartikolu minkejja d-dispożizzjonijiet tal-artikoli 17A u 17B u kwalunkwe dispożizzjoni oħra f'xi liġi oħra.

(9) (a) (i) Fejn ikun ġie ddeterminat minn awtorità regolatorja, superviżorja, ta' intelligence, ta' infurzar ta' liġi u, jew ġudizzjarja rilevanti li detentur ta' liċenzja jew awtorizzazzjoni oħra wettaq ksur serju, ripetut jew sistematiku tal-Att kontra *Money Laundering*, ta' kwalunkwe regolamenti magħmula taħtu, jew ta' proċeduri jew gwidi maħruġa skont l-istess Att jew ta' kwalunkwe tali regolamenti jew taħt leġiżlazzjoni tal-UE kontra l-ħasil tal-flus u kontra l-iffinanzjar tat-terroriżmu, jew xi regoli oħra jew standards tekniċi, bla ħsara għall-funzjonijiet u s-setgħat ta' tali awtorità oħra regolatorja, superviżorja, ta' intelligence, infurzar tal-liġi, jew ġudizzjarja rilevanti, l-Awtorità tista' abbażi ta' tali determinazzjoni minnufih tipproċedi sabiex tieħu tali azzjoni u miżuri regolatorji fir-rigward tal-imsemmi detentur ta' liċenzja jew awtorizzazzjoni skont is-setgħat tagħha taħt dan l-Att, kif jista' jidhrilha meħtieġ fiċ-ċirkostanzi.

Kap. 373.

(ii) Fejn abbaži tal-informazzjoni li tkun irċeviet minn awtorità regolatorja, superviżorja, ta' intelligence, ta' infurzar ta' liġi u, jew ġudizzjarja rilevanti, l-Awtorità jkollha raġuni suffiċjenti sabiex temmen jew tissuspetta li detentur ta' liċenzja jew awtorizzazzjoni oħra jista' jkun qiegħed jikser jew jista' jkun kiser dan l-Att, ir-regolamenti magħmula taħtu, proċeduri jew gwidi maħruġa taħt l-istess Atti jew taħt leġiżlazzjoni tal-UE, regoli oħra jew standards tekniċi msemmija fil-paragrafu (a)(i), bla ħsara għall-funzjonijiet u s-setgħat ta' xi awtorità oħra regolatorja, superviżorja, ta' intelligence, ta' infurzar tal-liġi, jew ġudizzjarja rilevanti, l-Awtorità tista' tieħu tali azzjoni u miżuri regolatorji fir-rigward tal-imsemmi detentur ta' liċenzja jew awtorizzazzjoni skont is-setgħat tagħha taħt dan l-Att jew kwalunkwe liġi oħra kif jista' jidhrilha meħtieġ fiċ-ċirkostanzi, bil-għan li tiżgura l-konformità mal-kondizzjonijiet tal-liċenzja jew awtorizzazzjoni u r-rekwiżiti regolatorji prudenzjali u, jew sabiex tissalvagwardja l-interessi tal-konsumaturi ta' sevizzi finanzjarji, investituri u, jew l-integrità tas-sistema finanzjarja u s-swieq kapitali.

(b) Fejn individwu, li jkollu kariga li tirrikjedi l-approvazzjoni tal-Awtorità, ikun wettaq jew ikkontribwixxa għal ksur kif imsemmi fil-paragrafu (a)(i), l-Awtorità tista', bla ħsara għal kwalunkwe setgħa jew funzjoni oħra mogħtija lilha taħt dan l-Att jew taħt xi liġi oħra, toħroġ direttiva li tipprojbixxi, temporanjament jew xort'oħra, jew tissospendi tali individwu milli jeżerċita kwalunkwe tali funzjonijiet u dmirijiet b'konnessjoni mal-kariga tagħhom kif imsemmi f'dan il-paragrafu, kif jista' jiġi determinat mill-Awtorità mal-istess detentur ta' liċenzja jew awtorizzazzjoni msemmi fil-paragrafu (a)(i), jew ma' xi detentur ieħor ta' liċenzja jew awtorizzazzjoni maħruġa mill-Awtorità, jew ma' kwalunkwe persuna li xort'oħra taqa' taħt il-funzjonijiet superviżorji jew regolatorji tal-Awtorità.

(10) Fit-twettiq tal-funzjonijiet u setgħat tagħha taħt dan l-Att jew xi liġi oħra, l-Awtorità tista' titlob u tista' tiġi assistita minn awtoritajiet ta' infurzar, aġenziji jew awtoritajiet ta' intelligence, regolaturi u, jew awtoritajiet lokali jew barranin, jew supranazzjonali.

(11) L-Awtorità tista', għall-aħjar twettiq tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew kwalunkwe Att ieħor amministrat minnha, jew kwalunkwe funzjoni oħra kif tista' tiġi lilha assenjata minn żmien għal żmien, toħroġ u tippubblika regoli li jirregolaw il-proċeduri u d-dmirijiet ta' persuni liċenzjati jew awtorizzati minnha jew li jaqgħu taħt il-funzjonijiet regolatorji jew superviżorji tagħha. Dawn ir-regoli jistgħu:

(a) jistabbilixxu rekwiżiti u kondizzjonijiet addizzjonali fir-rigward tal-attivitajiet ta' tali persuni, it-tmexxija tan-negozju tagħhom, ir-relazzjonijiet tagħhom mal-klijenti, il-pubbliku u partijiet oħra, ir-responsabbiltajiet tagħhom lejn l-Awtorità, ir-rekwiżiti ta' rappurtar, ir-riżorsi finanzjarji, l-adegwatezza tal-kapital u r-rekwiżiti relatati, u kwalunkwe ħaġa oħra kif l-Awtorità tista' tikkunsidra xieraq;

(b) jipprovdu għal prospetti tat-taxxa, dikjarazzjonijiet u avviżi li għandhom isiru jew jingħataw għal kwalunkwe għan li fir-rigward tiegħu l-Awtorità teżerċita funzjonijiet superviżorji jew regolatorji, jew xi funzjoni oħra kif tista' tiġi assenjata lilha, taħt dan l-Att jew xi Att ieħor, u l-forma u l-kontenut tagħhom; u

(ċ) jippreskrivu l-informazzjoni li dawn il-persuni għandhom jissottomettu lill-Awtorità:

Iżda dawn ir-regoli għandhom jorbtu lil detenturi ta' liċenzja u awtorizzazzjoni kollha kif ukoll persuni oħra li jistgħu jiġu speċifikati fihom.

(12) (a) Bla ħsara għal kwalunkwe setgħat oħra li jistgħu jiġu eżerċitati mill-Awtorità skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' kwalunkwe liġi oħra, fejn l-Awtorità tiddetermina li xi persuna tkun kisret jew naqset milli tosserva xi dispożizzjoni ta' dan l-Att jew kwalunkwe Att ieħor amministrat mill-Awtorità, jew kwalunkwe regolamenti jew regoli magħmula taħthom, jew kwalunkwe mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2019/2088 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 dwar divulgazzjonijiet relatati mas-sostenibbiltà fis-settur tas-servizzi finanzjarji, jew tal-Artikoli 5, 6 jew 7 tar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088, jew ta' xi kondizzjonijiet imposti f'liċenzja jew awtorizzazzjoni maħruġa mill-Awtorità jew kwalunkwe direttivi maħruġa mill-Awtorità, l-Awtorità tista' b'avviż bil-miktub timponi penali amministrattiva li ma teċċedix mija u ħamsin elf euro (€150,000) fir-rigward ta' kull ksur, kontravenzjoni u nuqqas ta' osservanza individwali, skont il-każ. L-Awtorità għandha tiżgura li l-penali amminstrattivi imposti skont dan is-subartikolu jkunu effettivi, dissważivi u proporzjonati.

(b) Fejn iċ-ċirkostanzi hekk jitolbu, l-Awtorità tista' toħroġ ċanfiriet jew twissijiet jew tieħu miżuri regolatorji jew korrettivi oħra kif jista' jitqies meħtieġ miċ-ċirkostanzi u min-natura u s-serjetà tal-ksur u għemil ħażin.

(ċ) Fejn avviż kif imsemmi fil-paragrafu (a) ma jiġix appellat, jew fejn tali avviż jiġi appellat sa ħmistax-il (15) ġurnata mid-deċiżjoni tat-Tribunal għas-Servizzi Finanzjarji fir-rigward ta' tali appell, il-penali amministrattiva kif misjuba fl-avviż, jew kif imnaqqsa jew miżjuda bid-deċiżjoni tat-Tribunal għandha tkun dovuta lill-Awtorità. Man-notifika ta' kopja tal-avviż jew tad-deċiżjoni, skont il-każ, permezz ta' att ġudizzjarju lill-persuna indikata fl-avviż jew deċiżjoni, l-imsemmija avviż jew deċiżjoni għandhom jikkostitwixxu titolu eżekuttiv għall-effetti u finijiet kollha tat-Titolu VII tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Kap. 12.

(13) (a) Kwalunkwe deċiżjoni ta' infurzar jew ta' miżura oħra, inklużi ċanfiriet u twissijiet, imposti mill-Awtorità skont kwalunkwe liġi li l-Awtorità hija responsabbli mill-amministrazzjoni tagħha, għandhom jiġu ppubblikati b'tali mezz u b'dak il-mod u għal dak it-tul ta' żmien kif jista' jitqies meħtieġ fiċ-ċirkostanzi u n-natura u s-serjetà tal-ksur jew għemil ħażin. Il-Bord tal-Gvernaturi jista' minn żmien għal żmien jistabbilixxi politiki u linji gwida fir-rigward tal-pubblikazzjoni ta' deċiżjonijiet, miżuri, sanzjonijiet u penali amministrattivi.

(b) Tali pubblikazzjoni għandu jkun fiha informazzjoni dwar it-tip u n-natura tal-ksur, jekk ikun il-każ, u r-raġuni għall-impożizzjoni tad-deċiżjoni, miżura, sanzjoni jew penali amministrattivi, u l-identità tal-persuna li fuqha ġew imposti d-deċiżjoni, il-miżura, is-sanzjoni jew il-penali amministrattivi. Il-pubblikazzjoni għandha ssir mingħajr dewmien żejjed wara li tali persuna tiġi infurmata bid-deċiżjoni, miżura, sanzjoni jew penali amminstrattiva:

Iżda f'każijiet fejn jiġi ppreżentat appell mill-persuna li fuqha jiġu imposti tali deċiżjoni, miżura, sanzjoni jew penali amministrattiva, l-Awtorità għandha mingħajr dewmien żejjed tippubblika wkoll informazzjoni dwar l-istatus tal-appell u l-eżitu tiegħu.

(ċ) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (b), l-Awtorità tista' tippubblika informazzjoni fuq bażi anonima fi kwalunkwe miċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(i) fejn il-penali amministrattiva imposta ma teċċedix l-ammont kif jista' jiġi stabbilit mill-Bord tal-Gvernaturi;

(ii) fejn il-pubblikazzjoni x'aktarx tippreġudika l-istabbilità tas-swieq finanzjarji jew ta' kwalunkwe superviżjoni li tkun għaddejja, jew investigazzjonijiet kriminali;

(iii) fejn il-pubblikazzjoni x'aktarx tikkawża, sa fejn jista' jiġi determinat, ħsara sproporzjonata lill-persuna jew entità involuta:

Iżda l-pubblikazzjoni fuq bażi anonima għandha tkun miżura eċċezzjonali li għandha tkun ġustifikata, u għandha tiġi approvata mill-Kumitat dwar Deċiżjonijiet tal-Infurzar skont il-politiki ta' pubblikazzjonijiet tal-Awtorità:

Iżda wkoll fiċ-ċirkostanzi msemmija fis-subparagrafi (ii) u (iii) l-Awtorità tista' tipposponi l-pubblikazzjoni għal tali perjodu ta' żmien sakemm tali ċirkostanzi jieqfu u, fiċ-ċirkostanzi msemmijin fis-subparagrafu (ii), jekk tali ċirkostanzi hekk jeħtieġu, l-Awtorità tista' tiddeċiedi li ma tippubblikax kwalunkwe informazzjoni.

(d) Dan is-subartikolu għandu jkun bla ħsara għal kwalunkwe dispożizzjoni dwar il-pubblikazzjoni jew xort'oħra ta' xi deċiżjoni jew miżura ta' infurzar kif misjub fi kwalunkwe Att ieħor amministrat mill-Awtorità jew fi kwalunkwe regolamenti magħmula taħthom, jew fi kwalunkwe leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea.

(14) Fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħha skont din il-liġi jew xi liġi oħra, l-Awtorità tista' tuża u tapplika kwalunkwe mis-setgħat jew mid-drittijiet taħt dan l-artikolu fuq persuni jew entitajiet li jkollhom il-liċenzja jew awtorizzazzjoni tagħhom li tkun ġiet sospiża jew imħassra, jew ċeduta volontarjament lill-Awtorità, sa dik id-data li fiha ma jkun fadal pendenti l-ebda kwistjonijiet regolatorji u d-drittijiet leġittimi ta' konsumaturi interessati jkunu ġew sodisfatti.".

Żieda ta' artikoli ġodda fl-Att prinċipali.

24. Minnufih wara l-artikolu 16A tal-Att prinċipali għandhom jiġu miżjuda l-artikoli ġodda li ġejjin:

"Ostruzzjoni tal-Awtorità.

16B. Kwalunkwe persuna li b'aġir jew nuqqas volontarju tostakola lill-Awtorità fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħha skont dan l-Att jew kwalunkwe Att ieħor għandha, bla ħsara għal kwalunkwe responsabbiltà taħt xi liġi oħra, tkun ħatja ta' reat taħt dan l-Att u teħel meta tinstab ħatja multa li ma teċċedix ħamsin elf euro (€50,000).

Ġbir, żamma u l-ipproċessar ta' data personali.

Kap. 586.

16Ċ. (1) (a) Kwalunkwe pproċessar ta' data personali mmexxi mill-Awtorità għandu jkun kompletament konformi mad-dispożizzjonijiet tal-GDPR u l-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data, inklużi r-regolamenti maħruġa taħtu.

(b) L-Awtorità għandha tiġbor, iżżomm u tipproċessa data personali kif neċessarju u meħtieġ sabiex twettaq il-funzjonijiet tagħha kollha u, jew l-eżerċizzju ta' kwalunkwe mis-setgħat tagħha taħt dan l-Att inklużi r-regolamenti magħmula taħtu u kwalunkwe liġi oħra, u għandha żżomm u tipproċessa tali data bi kwalunkwe mezzi, inklużi mezzi u sistemi elettroniċi.

(2) L-Awtorità tista' tipproċessa data personali għal għan li ma jkunx dak li għalih kienet miġbura, kemm-il darba tali għan ikun kompatibbli, skont l-Artikolu 6(4) tal-GDPR, mal-għan oriġinali li għalih id-data personali kienet miġbura, inkluż fejn tali pproċessar ieħor hu neċessarju u proporzjonat għat-twettiq ta' kwalunkwe waħda mill-funzjonijiet regolatorji tagħha, għall-prevenzjoni, l-iżvelar jew l-investigazzjoni ta' ksur ta' rekwiżiti regolatorji, jew għat-twettiq ta' xi obbligu legali jew funzjoni oħra fl-interess pubbliku kif assenjat lill-Awtorità bil-liġi.

(3) (a) L-Awtorità tista' tipproċessa data personali għal tali perjodu ta' żmien u skont il-politiki tagħha kif jista' jiġi stabbilit mill-Awtorità għal dan il-għan.

(b) Bla ħsara għal kwalunkwe limiti taż-żmien previsti f'xi liġi għall-ħażna jew tħassir ta' data, l-Awtorità għandha tistabbilixxi limiti taż-żminijiet xierqa għat-tħassir ta' data personali jew għar-reviżjoni perjodika tal-ħtieġa għaż-żamma ta' data personali.

(ċ) Meta tkun qed tistabbilixxi l-limiti taż-żmien xierqa għaż-żamma u tħassir ta' data personali, l-Awtorità għandha tqis l-obbligi regolatorji tagħha u l-għan li għalih id-data tkun ġiet miġbura, u fejn id-data personali tkun ġiet miġbura għall-finijiet ta' liċenzja jew awtorizzazzjoni maħruġa mill-Awtorità, għandu jitqies li jkun neċessarju li tinżamm u tiġi pproċessata tali data sakemm tibqa' fis-seħħ il-validità ta' dik il-liċenzja jew awtorizzazzjoni u għal tali perjodu addizzjonali kif jista' jkun meħtieġ bil-liġi jew neċessarju sabiex jiġu indirizzati l-obbligi ta' verifika, regolatorji, superviżorji jew legali direttament relatati ma' tali liċenzja jew awtorizzazzjoni, li wara għandhom jiġu mħassra jew anonimizzati b'mod sigur.

(4) Bla ħsara għas-subartikoli (5) sa (8), l-Awtorità tista' tirrestrinġi d-drittijiet u l-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 12 sa 22 u fl-Artikolu 34 tal-GDPR, kif ukoll fl-Artikolu 5 tal-GDPR sa fejn id-dispożizzjonijiet tiegħu jikkorispondu mad-drittijiet u obbligi previsti fl-Artikoli 12 sa 22 tal-GDPR, meta tali restrizzjoni tkun neċessarja u proporzjonata sabiex tissalvagwardja kontra:

(a) kwalunkwe ostakolu għall-Awtorità fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħha u, jew għall-eżerċitar tas-setgħat tagħha skont il-liġi, inklużi l-infurzar tal-liġijiet li jirregolaw servizzi finanzjarji u l-prevenzjoni, is-sejba u l-investigazzjoni ta' kwalunkwe ksur ta' kwalunkwe tali liġi;

(b) kwalunkwe ostakolu għal xi proċess, proċedura, investigazzjoni, inkjesta, valutazzjoni, skema, applikazzjoni jew tpaċija li tkun qed issir mill-Awtorità fit-twettiq tal-funzjonijiet u, jew fl-eżerċitar tas-setgħat tagħha skont il-liġi;

(ċ) kwalunkwe ostakolu lill-Awtorità sabiex tilħaq objettiv regolatorju li jkun fl-interess pubbliku;

(d) kwalunkwe ostakolu għall-impożizzjoni jew l-irkupru ta' xi penali amministrattiva, drittijiet jew imposti dovuti lill-Awtorità skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew xi liġi oħra applikabbli;

(e) l-iżvelar kontra l-liġi ta' xi informazzjoni li ġiet miksuba mill-Awtorità fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħha; jew

(f) kwalunkwe ostakolu jew preġudizzju fir-rigward tal-ħolqien, twettiq jew difiża ta' jedd legali u, jew proċeduri legali, inkluża xi talba legali antiċipata jew proċeduri li fihom is-suġġett tad-data huwa jew jista' jkun parti, u li huma jew jistgħu jiġu istitwiti taħt xi liġi, kemm quddiem kwalunkwe qorti kompetenti, tribunal jew korp li jkollu setgħat ġudizzjarji jew kwaži ġudizzjarji:

Iżda fejn l-Awtorità tantiċipa talba legali u, jew proċeduri legali, l-Awtorità għandha tkun responsabbli għal, u kapaċi li turi li abbaži ta' ċirkostanzi fattwali u speċifiċi, tali talba legali u, jew proċeduri legali x'aktarx li javverixxu:

Iżda wkoll qabel ma tapplika xi restrizzjoni, l-Awtorità għandha twettaq valutazzjoni proporzjonata u skont in-neċessità, u għandha tkun tista' turi li l-applikazzjoni tar-restrizzjoni hija neċessarja u proporzjonata.

(5) L-uffiċjal tal-protezzjoni tad-data maħtur mill-Awtorità għandu jiġi kkonsultat, kif xieraq u b'mod tempestiv, fir-rigward ta' kwalunkwe restrizzjoni msemmija fis-subartikolu (4), kemm qabel kif ukoll matul iż-żmien li tibqa' sseħħ tali restrizzjoni.

(6) Fejn tapplika restrizzjoni kif imsemmi fis-subartikolu (4), l-Awtorità għandha tinnotifika lis-suġġett tad-data, bil-miktub, dwar id-drittijiet u l-obbligi li jkunu qegħdin jiġu ristretti, ir-raġunijiet għal tali restrizzjoni u d-dritt tiegħu li jirreġistra lment mal-KIPD:

Iżda d-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu ma għandhomx japplikaw fejn tali notifika x'aktarx tippreġudika s-salvagwardja tal-objettiv rilevanti stabbilit fis-subartikolu (3).

(7) L-Awtorità għandha perjodikament tirrevedi d-deċiżjoni li tapplika restrizzjoni kif imfisser fis-subartikolu (4) u tivvaluta n-neċessità u l-proporzjonalità tagħha sabiex tiżgura li l-ġustifikazzjoni għar-restrizzjoni tkun għadha valida:

Iżda fejn ir-raġuni għal dik ir-restrizzjoni ma tkunx għadha tapplika, l-Awtorità għandha tneħħi r-restrizzjoni mingħajr dewmien żejjed.

(8) L-Awtorità għandha żżomm rekord ta' kwalunkwe tali restrizzjoni kif imsemmija fis-subartikolu (4) u r-raġunijiet għal dik ir-restrizzjoni u għandha, kull meta tkun hekk mitluba mill-KIPD, tipprovdi lill-imsemmi KIPD kopja ta' dak ir-rekord.

(9) Kliem u espressjonijiet użati f'dan l-artikolu li huma użati wkoll fil-GDPR, iżda li mhumiex imfissra f'dan l-Att, għandu jkollhom l-istess tifsira bħal dik assenjata lilhom fil-GDPR.

(10) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu:

(a) "GDPR" tfisser ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE, kif jista' jiġi emendat minn żmien għal żmien, u jinkludi kwalunkwe miżuri implimentattivi li jistgħu jkunu ġew magħmula jew jisgħu jinħarġu taħtu;

(b) "KIPD" tfisser il-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data u għandu jkollha l-istess tifsira kif assenjat lil"Kummissarju" skont l-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data*;

Kap. 586.

(ċ) "ipproċessar" għandu jkollha l-istess tifsira kif assenjat lilha fl-Artikolu 4(1) tal-GDPR.".

Emenda tal-artikolu 17 tal-Att prinċipali.

25. L-artikolu 17 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) in-nota marġinali tiegħu għandha tiġi sostitwita bin-nota marġinali ġdida li ġejja:

"Żvelar u skambju ta' informazzjoni.";

(b) is-subartikolu (1) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subartikolu ġdid li ġej:

"(1) Ħlief għall-qadi xieraq tad-dmirijiet jew tal-funzjonijiet tagħhom taħt dan l-Att jew kwalunkwe Att ieħor, il-membri tal-Bord tal-Gvernaturi jew ta' kwalunkwe organu ieħor tal-Awtorità, u l-uffiċjali u l-impjegati tal-Awtorità u kwalunkwe aġent, espert jew persuna oħra maħtura mill-Awtorità sabiex tassistiha fil-

qadi tal-funzjoni regolatorja tagħha, u l-uffiċjali u l-impjegati tagħhom, għandhom jittrattaw kwalunkwe informazzjoni li tinkiseb waqt il-qadi ta' dmirijiethom bħala kunfidenzjali u ma għandhom, direttament jew indirettament, jiżvelaw tali informazzjoni lill-ebda persuna oħra, ħlief bil-kunsens tal-persuna li tkun żvelat l-informazzjoni. Għall-finijiet ta' dan is-subartikolu, "impjegati" u "uffiċjali" jinkludu wkoll l-impjegati u uffiċjali preċedenti.";

(ċ) minnufih wara s-subartikolu (1) tiegħu, kif sostitwit, għandu jiġi miżjud is-subartikolu ġdid li ġej:

"(1a) Kwalunkwe uffiċjal jew impjegat tal-Awtorità, jew xi aġent, espert jew xi persuna oħra maħtura mill-Awtorità sabiex tassistiha fil-qadi tal-funzjoni regolatorja tagħha, jew kwalunkwe uffiċjal jew impjegat tagħhom, kemm jekk ikun għadu jagħti servizz lill-Awtorità jew xort'oħra, li fi kwalunkwe ċirkostanza jiżvela lil terzi kwalunkwe informazzjoni jew dokumenti miksuba fit-twettiq tad-dmirijiet tiegħu, jew it-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu jew kwalunkwe informazzjoni jew dokument marbuta mal-affarijiet tal-Awtorità, għajr kif previst f'dan l-artikolu, għandu jkun ħati ta' reat u għandu jeħel, meta jinstab ħati, multa ta' mhux iżjed minn ħamsin elef euro (€50,000), jew priġunerija għal żmien ta' mhux iktar minn sentejn (2), jew tali multa u priġunerija f'daqqa.";

(d) is-subartikolu (2) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fil-paragrafu (a) tiegħu l-kliem "u r-reġistrazzjoni ta' soċjetajiet kummerċjali" għandhom jiġu mħassra;

(ii) fil-paragrafu (b) tiegħu l-kliem "awtoritajiet ta' infurzar jew regolatorji lokali jew barranin," għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "awtoritajiet lokali jew barranin ta' infurzar ta' liġi, intelligence, prosekutorji, ġudizzjarji jew regolatorji," u l-kliem "li jkun fih awtoritajiet ta' infurzar jew regolatorji lokali jew barranin" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "li jinkludi tali awtoritajiet lokali jew barranin";

(iii) fil-paragrafu (ċ) tiegħu l-kliem "funzjoni regolatorja, ta' sorveljanza, ġudizzjarja, ta' reġistrazzjoni jew ta' liċenzjar" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem

"funzjoni regolatorja, ta' sorveljanza, reġistrazzjoni jew ta' liċenzjar";

(iv) fil-proviso tiegħu l-kliem "mal-Awtorità." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "mal-Awtorità:" u minnufih wara għandu jiġi miżjud il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda wkoll kwalunkwe talba għal żvelar ta' informazzjoni għandha tkun akkumpanjata b'ġustifikazzjoni formali u ċara, li tiddeskrivi l-għan tat-talba u li turi r-rilevanza u l-ħtieġa tagħha fir-rigward ta' kwistjoni partikolari jew tranżazzjoni. It-talbiet għandhom ikunu limitati għal dettalji speċifiċi meħtieġa sabiex jaqdu l-għan dikjarat u l-parti li tagħmel it-talba għandha tidentifika b'mod preċiż l-informazzjoni mitluba. L-informazzjoni għandha tingħata biss ladarba l-ġustifikazzjoni u l-ispeċifiċità jitqiesu sodisfaċenti skont l-istandards legali applikabbli u l-politiki organizzativi.";

(e) minnufih wara s-subartikolu (2) tiegħu, kif emendat, għandhom jiġu miżjuda s-subartikoli ġodda li ġejjin:

"(2a) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (2b) u (4), l-Awtorità tista' tipprovdi u tiżvela informazzjoni u dokumentazzjoni regolatorja miksuba waqt il-qadi tal-funzjonijiet tagħha lil xi qorti jew tribunal waqt proċeduri ġudizzjarji.

(2b) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' kwalunkwe liġi oħra:

(a) l-Awtorità ma għandhiex tkun obbligata li tipprovdi jew tiżvela kwalunkwe informazzjoni jew dokument mitluba minn kwalunkwe qorti jew tribunal, awtorità, korp, entità jew persuna fejn l-Awtorità jkollha raġunijiet raġonevoli sabiex temmen li l-għoti jew l-iżvelar tal-informazzjoni jew dokument mitluba jistgħu jippreġudikaw, idgħajfu jew jostakolaw kwalunkwe azzjoni regolatorja, ta' sorveljanza jew ta' infurzar li tkun qiegħda titwettaq jew li l-Awtorità biħsiebha twettaq:

Iżda r-raġunijiet għal kwalunkwe ċaħda li tingħata jew tiżvela kwalunkwe informazzjoni

jew dokument taħt dan is-subartikolu għandhom jiġu mfissra b'mod ċar lill-qorti, tribunal, awtorità, korp, entità jew persuna li titlob l-informazzjoni:

Iżda wkoll fejn it-talba li tingħata jew tiġi żvelata informazzjoni jew dokumenti ssir minn qorti jew tribunal u l-qorti jew tribunal ma jkunux sodisfatti bir-raġunijiet mogħtija mill-Awtorità, il-qorti jew tribunal jistgħu madankollu jordnaw l-għoti ta' xhieda dwar u, jew is-sottomissjoni ta' tali informazzjoni jew dokument *in camera*;

(b) l-Awtorità ma għandhiex tkun obbligata u ma għandhiex tipprovdi jew tiżvela lil xi qorti, tribunal, awtorità, korp, entità jew persuna kwalunwke informazzjoni jew dokument li jkun inkiseb minn, jew ingħata lill-Awtorità bħala informazzjoni jew fil-forma ta' intelligence, jew li kien xort'oħra kkassifikat bħala sigriet meta inkiseb minn, jew ingħata lill-Awtorità, mingħajr l-awtorizzazzjoni bil-miktub minn qabel sabiex dan isir mill-fornitur ta' tali informazzjoni jew dokument:

Iżda kwalunkwe għoti jew żvelar ta' kwalunkwe informazzjoni jew dokument kif imsemmi qabel għandu jkun soġġett għal, u għandu jiġi riċevut u miżmum taħt kunfidenzjalità u segretezza assoluta u ma għandu jiġi żvelat mir-riċevitur lil ebda parti terza:

Iżda wkoll fejn tali informazzjoni jew dokument jiġu mogħtija jew żvelati lil xi qorti jew tribunal, l-għoti ta' xhieda u s-sottomissjoni ta' tali informazzjoni jew dokument għandha ssir *in camera*;

Iżda wkoll fejn fuq talba tal-Awtorità l-qorti tkun sodisfatta li l-iżvelar ta' kwalunkwe informazzjoni jew dokument kif imsemmi qabel jistgħu jippreġudikaw l-interess jew is-sigurtà nazzjonali, l-interess pubbliku jew relazzjonijiet internazzjonali, il-qorti tista' tordna li tali informazzjoni jew dokument ma għandhomx jiġu żvelati;

(ċ) l-Awtorità ma għandhiex tkun obbligata

minn qorti jew tribunal, fi proċeduri ċivili li ma tkunx parti fihom, sabiex tipprovdi kwalunkwe informazzjoni jew dokument kunfidenzjali lil kwalunkwe persuna li teċċepixxi li għandha interess leġittimu fihom jew kwalunkwe pretensjoni oħra fir-rigward tagħhom fejn il-qorti jew tribunal ikunu sodisfatti li l-iżvelar u, jew l-għoti ta' tali informazzjoni jew dokument huma regolati b'liġijiet, regoli jew regolamenti speċifiċi li jistabbilixxu min għandu jkun intitolat, il-kondizzjonijiet li għandhom jiġu sodisfatti u l-proċeduri applikabbli, sabiex tinkiseb tali informazzjoni jew dokument;

(d) għall-finijiet tas-salvagwardja tal-kunfidenzjalità tal-proċeduri tal-korpi tal-Awtorità dwar it-teħid ta' deċiżjonijiet u tal-awtonomija u l-indipendenza operattiva tal-Awtorità, l-Awtorità ma għandhiex tkun obbligata tipprovdi jew tiżvela lil qorti, tribunal, awtorità, korp, entità jew persuna kwalunkwe dokument li jirrappreżenta korrispondenza ma' awtoritajiet regolatorji, superviżorji, ta' intelligence, ta' infurzar u awtoritajiet kompetenti oħra, komunikazzjonijiet interni u rekords ta' deliberazzjonijiet jew laqgħat interni.";

(f) fis-subartikolu (3) tiegħu minnufih wara l-kliem "lill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE)," għandhom jiġu miżjuda l-kliem "lill-Awtorità Ewropea kontra l-Money Laundering (AMLA),".

Żieda ta' artikoli ġodda mal-Att prinċipali.

26. Minnufih wara l-artikolu 19 tal-Att prinċipali għandhom jiġu miżjuda l-artikoli ġodda li ġejjin:

"Xiri anonimu.

19A. (1) Bla ħsara għas-setgħat mogħtija lill-Awtorità taħt dan l-Att jew kwalunkwe liġi oħra, l-Awtorità għandu jkollha, għall-qadi aħjar tal-funzjonijiet tagħha, u sabiex tissalvagwardja l-interessi tal-konsumaturi ta' servizzi finanzjarji, is-setgħa li tixtri servizzi, taħt identità koperta, mingħand kwalunkwe persuna liċenzjata jew xort'oħra awtorizzata minnha, jew li xort'oħra twettaq attivitajiet li jaqgħu taħt il-funzjonijiet regolatorji jew superviżorji tal-Awtorità, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "xiri anonimu".

(2) L-Awtorità tista', abbażi tas-setgħat tagħha skont il-liġi, tieħu kwalunkwe tali azzjoni kif tista' tqis meħtieġ, abbażi tas-sejbiet li jirriżultaw minn tali xiri anonimu.

(3) Fit-twettiq tas-setgħa tagħha taħt is-subartikolu (1) l-Awtorità ma għandhiex iġġiegħel jew tikkawża li persuna twettaq xi att illegali jew att li jkun jikkostitwixxi kontravenzjoni jew ksur ta', jew nuqqas milli tikkonforma mal-qafas legali u regolatorju applikabbli, liema att x'aktarx ma kienx jitwettaq minn tali persuna, jew tali persuna ma kinitx tkun lesta li twettqu.

(4) L-Awtorità tista' tistabbilixxi politiki, regoli u proċeduri għat-twettiq aħjar ta', u l-implimentazzjoni aħjar, tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu. Tali politiki u regoli għandhom jiġu ppubblikati.

Indirizz, avviżi, u komunikazzjoni elettronika.

19B. (1) Kull detentur ta' liċenzja jew awtorizzazzjoni għandu jipprovdi lill-Awtorità indirizz elettroniku validu u indirizz fiżiku u għandu jkun obbligat li javża mingħajr dewmien lill-Awtorità bil-miktub dwar kwalunkwe bidla fihom.

(2) Avviż, dokument, jew kwalunkwe forma oħra ta' komunikazzjoni meħtieġa li tiġi kkonsenjata jew mogħtija jew notifikata lil detentur ta' liċenzja jew awtorizzazzjoni jew lil kwalunkwe persuna oħra, permezz ta' dan l-Att jew xi Att ieħor amministrat mill-Awtorità, għandha titqies li tkun ġiet mibgħuta u riċevuta jekk:

(a) tiġi kkonsenjata jew mibgħuta bil-posta fl-aħħar indirizz fiżiku magħruf; jew

(b) ġiet mibgħuta permezz tal-posta elettronika fl-aħħar indirizz magħruf ta' posta elettronika;

irrispettivament jekk l-Awtorità rċevietx konferma tal-konsenja jew xort'oħra, fir-rigward ta' tali avviż, dokument jew forma oħra ta' komunikazzjoni.

(3) Bla ħsara għas-subartikoli preċedenti l-Awtorità tista' timplimenta kwalunkwe forma ta' sistema elettronika kif jista' jkun meħtieġ għall-aħjar qadi tal-funzjonijiet tagħha taħt dan l-Att u kwalunkwe liġi oħra, inkluż għall-fini tal-komunikazzjoni, konsenja u skambju ta' informazzjoni, dokumenti u data bejn detenturi ta' liċenzja jew awtorizzazzjoni u l-Awtorità u d-detenturi ta' liċenzja u awtorizzazzjoni għandhom jikkomunikaw mal-Awtorità permezz ta' tali sistema kif l-Awtorità tista' tordna.

Firem elettroniċi.

19Ċ. (1) Kwalunkwe dokument fornut lill-Awtorità, li huwa meħtieġ li jiġi awtentikat, għandu jiġi hekk awtentikat jew b'firma miktuba bl-idejn jew b'firma elettronika kwalifikata, kif jista' jiġi ordnat mill-Awtorità minn żmien għal żmien.

(2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu "firma elettronika kwalifikata" għandha tkun firma elettronika kif imfissra fir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal tranżazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE.".

Emenda tal-artikolu 20A tal-Att prinċipali.

27. Is-subartikolu (4) tal-artikolu 20A tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (a) tiegħu l-kliem "għal kull ksur jew nuqqas ta' konformità" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "fir-rigward ta' kull ksur individwali, infrazzjoni jew nuqqas ta' konformità";

(b) il-paragrafu (ċ) tiegħu għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu ġdid li ġej:

"(ċ) penali amministrattivi u multi ogħla minn mija u ħamsin elf euro (€150,000), kif jista' jitqies meħtieġ jew xieraq fir-rigward ta' kwalunkwe kontravenzjoni jew nuqqas ta' konformità ma' leġiżlazzjoni tal-UE jew kwalunkwe regolamenti magħmula taħt dan l-artikolu sabiex jittrasponu jew jagħtu effett lil kwalunkwe leġiżlazzjoni tal-UE.".

Emenda tal-artikolu 20D tal-Att prinċipali.

28. L-artikolu 20D tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu minnufih wara l-paragrafu (ċ) għandu jiġi miżjud il-paragrafu ġdid li ġej:

"(ċa) biex jipprovdi għal, u biex jirregola l-ħlas minn kwalunkwe persuna ta' kwalunkwe tali drittijiet u imposti li għandhom jitħallsu lill-Awtorità ta' Riżoluzzjoni fir-rigward ta' kwalunkwe kwistjoni prevista b'dan, jew taħt dan l-Att jew kwalunkwe regolamenti magħmula taħt dan l-artikolu, inkluż it-tħejjija ta' pjanijiet ta' riżoluzzjoni, kif jista' jiġi preskritt;";

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu l-kliem "l-Awtorità" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "l-Awtorità ta' Riżoluzzjoni".

Sostituzzjoni tal-artikolu 21 tal-Att prinċipali.

29. L-artikolu 21 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Tribunal dwar Servizzi Finanzjarji.

21. (1) Għandu jkun hemm Tribunal indipendenti li jissejjaħ it-"Tribunal dwar Servizzi Finanzjarji", f'dan l-Att ukoll imsejjaħ "it-Tribunal", li għandu jeżerċita u jaqdi l-funzjonijiet u s-setgħat mogħtija lilu bil-liġi.

(2) It-Tribunal għandu jikkonsisti f'panel wieħed jew iktar, li kull wieħed minnhom għandu jkun jikkonsisti f'Chairperson u żewġ (2) membri oħra, kif jistgħu jiġu maħtura mill-Ministru.

(3) Il-Ministru għandu jaħtar numru ta' membri sostituti, liema numru għandu jkun fid-diskrezzjoni tal-Ministru iżda ta' mhux inqas minn tnejn (2), skont il-ħtieġa, minn żmien għal żmien, u liema membri sostituti għandhom jissodisfaw il-kriterji skont is-subartikoli (4) jew (5) kif applikabbli u għandhom japplikaw is-subartikoli (6), (7), (8) u (9). F'każ ta' vakanza fil-kompożizzjoni ta' kwalunkwe panel tat-Tribunal jew għar-raġunijiet kontemplati fis-subartikolu (16) jew minħabba l-indispożizzjoni ta' kwalunkwe wieħed mill-membri ta' xi panel, inkluż iċ-Chairperson, il-Ministru għandu jaħtar membru sostitut skont l-iskeda, li jissodisfa r-rekwiżiti tal-vakanza skont is-subartikoli (4) jew (5), skont il-każ, u s-subartikolu (6).

(4) Iċ-Chairperson ta' kwalunkwe panel tat-Tribunal għandu jkun avukat li għal perjodu ta', jew perjodi li fl-aggregat jammontaw għal, mhux inqas minn tnax (12)-il sena jkun serva bħala avukat f'Malta jew serva bħala mħallef jew maġistrat f'Malta, jew li jkun parzjalment hekk ipprattika u parzjalment hekk serva.

(5) Bla ħsara għal kwalunkwe dispożizzjoni oħra fi kwalunkwe liġi oħra fir-rigward tal-kompożizzjoni tat-Tribunal jew il-kwalifiki tal-membri tiegħu, iż-żewġ (2) membri l-oħra ta' kwalunkwe panel tat-Tribunal għandhom ikunu persuni li fil-fehma tal-Ministru jkollhom il-kapaċità u l-esperjenza meħtieġa fin-negozju jew regolamentazzjoni tas-servizzi finanzjarji, jew finanzi.

(6) (a) Persuna ma għandhiex tkun eliġibbli sabiex tiġi maħtura u sabiex isservi bħala Chairperson jew membru ta' kwalunkwe panel tat-Tribunal jekk hi:

(i) tkun detentur ta' liċenzja jew awtorizzazzjoni oħra maħruġa mill-Awtorità jew xort'oħra taqa' taħt il-funzjonijiet regolatoriji jew superviżorji tal-Awtorità jew hi direttur, uffiċjal jew impjegat ta' tali detentur ta' liċenzja jew awtorizzazzjoni oħra; jew

(ii) tkun membru tal-Kamra tad-Deputati; jew

(iii) tkun legalment inkapaċitata jew interdetta; jew

(iv) tkun ġiet dikjarata falluta jew tkun għamlet kompożizzjoni jew arranġament mal-krediturі tagħha; jew

(v) tkun kisret kwalunkwe dispożizzjoni magħmula minn, jew taħt kwalunkwe liġi li tidher li ġiet abbozzata sabiex tipproteġi l-membri tal-pubbliku kontra t-telf finanzjarju minħabba diżonestà, inkompetenza jew għemil ħażin li fir-rigward tal-għoti ta' servizzi finanzjarji jew fil-ġestjoni ta' kumpaniji; jew

(vi) kienet involuta fi kwalunkwe prattika ta' negozju li l-Ministru jqis li hi qarrieqa, oppressiva jew xort'oħra mhux xierqa, kemm jekk illegali jew xort'oħra, jew li xort'oħra tirrifletti telf ta' reputazzjoni dwar il-metodu ta' ġestjoni tagħha fit-tmexxija tan-negozju jew attivitajiet professjonali; jew

(vii) kienet ingaġġata fi, jew assoċjata ma' kwalunkwe prattika oħra ta' negozju jew xort'oħra ġabet ruħha b'tali mod li jixħet dubju dwar il-kompetenza, l-integrità u s-serjetà tal-ġudizzju tagħha; jew

(viii) ġiet skwalifikata minn xi korp professjonali jew regolatorju; jew

(ix) ikollha interess finanzjarju jew interess ieħor li x'aktarx ikun ta' preġudizzju fit-twettiq, min-naħa tagħha, tal-funzjonijiet tagħha; jew

(x) tkun instabet ħatja jew qed tiġi akkużata bit-twettiq ta' "reat rilevanti" kif imfisser fl-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità; jew

Kap. 621.

(xi) għal xi raġuni oħra ma tkunx persuna idonea u xierqa sabiex tokkupa dik il-kariga.

(b) Meta jiddetermina jekk persuna hijiex persuna idonea u xierqa, il-Ministru għandu jqis l-integrità ta' dik il-persuna, il-kompetenza u s-serjetà tal-ġudizzju sabiex tissodisfa r-responsabbiltajiet ta' dik il-kariga, ir-reputazzjoni u l-integrità tagħha u d-diliġenza li biha x'aktarx tissodisfa dawk ir-responsabbiltajiet.

(7) Iċ-Chairperson u l-membri l-oħra ta' kwalunkwe panel tat-Tribunal għandhom jibqgħu fil-kariga għal perjodu ta' ħames (5) snin u ma jistgħux jitneħħew matul il-perjodu tal-ħatra tagħhom ħlief għal kwalunkwe mir-raġunijiet imsemmija fis-subartikolu (6)(a)(i) sa (x) jew jekk jiġi ppruvat li ma humiex f'pożizzjoni li jaqdu l-funzjonijiet tal-kariga tagħhom, kemm jekk minħabba nuqqas fiżiku jew mentali jew kwalunkwe kawża oħra, jew imġiba ħażina ppruvata.

(8) Iċ-Chairperson u l-membri l-oħra ta' kwalunkwe panel tat-Tribunal għandhom jirċievu tali remunerazzjoni kif tista' tiġi determinata fl-istrument tal-ħatra tagħhom u dik ir-remunerazzjoni għandha titħallas mill-Fond Konsolidat.

(9) Ir-remunerazzjoni msemmija fis-subartikolu (8) ma għandhiex tinbidel matul iż-żmien tal-ħatra tal-membru li jkun qiegħed jirċeviha, ħlief għal tali tibdil kif jista' jkun meħtieġ minn żmien għal żmien, sabiex f'kull żmien matul il-ħatra jinżamm il-proporzjon tar-remunerazzjoni mas-salarju ta' mħallef tal-qrati superjuri, eżistenti fid-data tal-ħatra.

(10) Il-proċedura għal appell lit-Tribunal magħmul skont id-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (13) u (14) għandu jsir permezz ta' talbiet bil-miktub. Ir-rikors tal-appell għandu jispjega b'mod ċar ir-raġunijiet għall-appell u għandu jiġi ppreżentat lit-Tribunal sa mhux iktar tard minn tletin (30) jum mid-data li l-avviż tad-deċiżjoni jew l-azzjoni inkwistjoni jkun ġie notifikat lill-persuna aggravata. It-Tribunal għandu jinnotifika l-appell lill-awtorità kompetenti sa mhux aktar tard minn ħmistax (15)-il jum mid-data tal-preżentata tal-appell u l-awtorità kompetenti għandu jkollha tletin (30) jum mid-data minn meta tkun ġiet notifikata bl-appell sabiex tippreżenta r-risposta tagħha.

(11) Ir-rikors għandu jkun fih il-provi kollha, inkluż kull affidavit ġuramentat u dokumenti li l-persuna aggravata biħsiebha tippreżenta quddiem it-Tribunal u t-talbiet bil-miktub kollha li jsostnu l-appell. Ir-risposta mill-awtorità kompetenti għandha bl-istess mod ikun fiha l-provi kollha, kull affidavit ġuramentat, dokument u t-talbiet bil-miktub li biħsiebha tissottometti fid-difiża tagħha. Ir-rikors, risposta, talbiet bil-miktub, affidavits ġuramentati, provi u dokumenti oħra għandhom jiġu preżentati fir-reġistru tat-Tribunal.

(12) (a) It-Tribunal għandu jipproċedi billi jittratta l-appell quddiemu bl-akbar urġenza u għandu jappunta l-appell għas-smigħ f'data fil-viċin, liema data fl-ebda każ ma għandha tkun ta' aktar tard minn tliet (3) xhur mill-preżentata tal-appell.

(b) L-appell għandu jiġi deċiż fi żmien tnax (12)-il xahar mid-data appuntata għall-ewwel smigħ tal-appell u ma għandu jingħata l-ebda differiment lil hinn mill-imsemmija tnax (12)-il xahar, ħlief għal differiment wieħed għal raġuni eċċezzjonali u ġustifikata li għandha tiġi reġistrata mit-Tribunal, u tali differiment għandu jkun għal data li ma tkunx aktar tard minn tliet (3) xhur mill-imsemmija tnax (12)-il xahar.

(13) It-Tribunal għandu jisma' appelli minn deċiżjonijiet tal-awtorità kompetenti u għandu jkollu ġurisdizzjoni sħiħa sabiex jirrevedi tali deċiżjonijiet fuq punti ta' liġi u ta' fatt:

Iżda ma għandu jkun hemm l-ebda appell minn kwalunkwe deċiżjoni li timponi penali amministrattiva li ma teċċedix elf euro (€1,000) u minn kwalunkwe ċanfira jew twissija.

(14) It-Tribunal għandu wkoll jittratta appelli minn deċiżjonijiet tal-Awtorità ta' Riżoluzzjoni u jkollu ġurisdizzjoni sħiħa biex jirrevedi tali deċiżjonijiet fuq punti ta' liġi u ta' fatt:

Iżda fir-rigward ta' appell minn deċiżjoni tal-Awtorità ta' Riżoluzzjoni, għat-teħid ta' miżura għall-ġestjoni ta' kriżi, it-Tribunal għandu juża l-valutazzjonijiet ekonomiċi kumplessi tal-fatti mwettqa mill-Awtorità ta' Riżoluzzjoni bħala bażi għall- valutazzjoni tiegħu stess ta' dik id-deċiżjoni:

Iżda wkoll in-natura kumplessa ta' tali valutazzjonijiet ekonomiċi ma għandhiex tipprevjeni lit-Tribunal milli jeżamina jekk il-prova li fuqha bbażat ruħha l-Awtorità ta' Riżoluzzjoni hijiex fattwalment korretta, ta' min jorbot fuqha u konsistenti u jekk dik il-prova jkunx fiha l-informazzjoni kollha rilevanti li għandha titqies sabiex ssir valutazzjoni ta' sitwazzjoni kumplessa, u jekk hijiex kapaċi li tissostanzja l-konklużonijiet maħruġa minnha.

(15) It-Tribunal għandu jiżgura li s-smigħ tas-seduti kollha tiegħu u l-għoti tad-deċiżjonijiet kollha tiegħu huma miftuħa u aċċessibbli għall-pubbliku, inkluż permezz ta' mezzi elettroniċi jew mezzi ta' komunikazzjoni oħra vijabbli, kif iqis xieraq, sakemm it-Tribunal ma jqisx, wara li jikkunsidra n-natura eċċezzjonali tal-kwistjoni quddiemu, li jkun idoneju u xieraq li jmexxi l-proċeduri jew xi parti minnhom fil-magħluq, u fi kwalunkwe tali każ id-deċiżjoni tat-Tribunal għandha dejjem tingħata fil-pubbliku.

(16) Iċ-*Chairperson* jew il-membri l-oħra ta' kwalunkwe panel tat-Tribunal jistgħu jiġu rikużati jew jistgħu jastjenu mis-smigħ tal-kawża f'dawk iċ-ċirkostanzi li jiskwalifikaw imħallef f'kawża ċivili u f'tali każ iċ-*Chairperson* jew membru għandu jiġi sostitwit minn membru ieħor li jkun maħtur mill-Ministru skont is-subartikolu (3):

Iżda għall-finijiet tan-negozju tal-assigurazzjoni, tali membru għandu jiġi sostitwit b'membru ieħor maħtur mill-Ministru, li għandu jkollu t-tagħrif u l-esperjenza meħtieġa skont l-artikolu 57(1) tal-Att dwar il-Kummerċ tal-Assigurazzjoni. Kap. 403.

(17) It-Tribunal għandu jkollu s-setgħa li jħarrek ix-xhieda u li jagħtihom il-ġurament, u li jaħtar kwalunkwe espert li jista' jqis meħtieġ sabiex jiddeċiedi l-każ quddiemu.

(18) (a) B'żieda mat-talbiet bil-miktub, affidavits ġuramentati, provi u dokumenti sottomessi, it-Tribunal jista', kull meta jqis taħt iċ-ċirkostanzi li jkun spedjenti li jagħmel dan, jippermetti lill-partijiet jippreżentaw talba addizzjonali bil-miktub f'tali żmien kif għandu jordna it-Tribunal.

(b) It-Tribunal jista' wkoll jippermetti jew jesiġi li xi waħda mill-partijiet tixhed oralment jew tirrispondi għal kwalunkwe mistoqsijiet jew sabiex tikkjarifika kwalunkwe kwistjonijiet, kull meta huwa jqis li jkun spedjenti fiċ-ċirkostanzi li jagħmel dan, qabel ma jagħti s-sentenza:

Iżda t-Tribunal għandu jirrifjuta kull prova li jqis li tkun irrilevanti jew superfluwa.

(19) Mas-smigħ tal-appell lilu ppreżentat taħt kwalunkwe liġi, it-Tribunal għandu jkollu s-setgħa:

(a) li jikkonferma, jannulla jew ivarja d-deċiżjoni tal-awtorità kompetenti jew tal-Kumitat ta' Riżoluzzjoni taħt il-liġi rilevanti u li jagħti ordnijiet li jkunu fis-setgħa tiegħu taħt dan l-Att jew kwalunkwe liġi oħra lill-imsemmija awtorità kompetenti jew lill-Kumitat ta' Riżoluzzjoni sabiex jimplimentaw id-deċiżjoni tat-Tribunal;

(b) bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 17, li jeħtieġ il-produzzjoni ta' kwalunkwe dokument jew informazzjoni oħra;

(ċ) li jordna l-ħlas tal-ispejjeż minn kwalunkwe parti fl-appell.

(20) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe regoli, it-Tribunal jista' jirregola l-proċeduri tiegħu stess u jista':

(a) jieħu dawk il-miżuri kollha u joħroġ dawk l-ordnijiet kollha li jqis xierqa sabiex jiżgura t-tmexxija tajba tas-seduti tat-Tribunal, inkluż permezz ta' mezzi elettroniċi jew mezzi vijabbli oħra ta' komunikazzjoni;

(b) jippermetti li l-preżentata ta' dokumenti fi proċedimenti quddiemu u n-notifika tagħhom lill-partijiet isiru permezz ta' mezzi elettroniċi u f'tali format kif jista' jidhirlu xieraq;

(ċ) jikkomunika mal-partijiet permezz ta' mezzi elettroniċi jew posta konvenzjonali, fid-diskrezzjoni tiegħu;

(d) jirċievi l-atti kollha, inklużi appelli u risposti għalihom, bit-trażmissjoni tal-att oriġinali debitament iffirmat, b'mezzi elettroniċi;

(e) jirċievi d-dritt preskritt permezz ta' ħlas elettroniku jew mezzi oħra; u

(f) jiffissa u jmexxi s-smigħ tas-seduti tiegħu u jagħti d-deċiżjonijiet tiegħu b'tali mezzi elettroniċi jew mezzi oħra ta' komunikazzjoni vijabbli, kif iqis xieraq:

Iżda kwalunkwe nuqqas jew ħsara lill-mezzi elettroniċi jew mezzi oħra ta' komunikazzjoni, inklużi sistemi ta' vidjokonferenzi, ma għandhomx jirrendu s-smigħ null u bla effett:

Iżda wkoll in-notifika permezz tal-posta elettronika għandha titqies li tkun saret fid-data li fiha l-att kien ġie trażmess permezz tal-mezzi elettoniċi:

Iżda wkoll iċ-Chairperson tat-Tribunal jista' jordna li l-użu ta' mezzi elettroniċi għandu japplika għall-proċeduri kollha fir-rigward ta' xi appell partikolari, inklużi l-preżentata u n-notifika ta' atti u dokumenti u t-tmexxija tas-smigħ tas-seduti.

(21) Għandu jkun hemm appell lill-Qorti tal-Appell fuq kwistjoni ta' liġi biss, minn deċiżjoni tat-Tribunal. L-appell għandu jsir sa mhux aktar tard minn għoxrin (20) jum mid-data tad-deċiżjoni tat-Tribunal. Fid-determinazzjoni ta' tali appell, il-Qorti tal-Appell għandu jkollha s-setgħat kollha tat-Tribunal sabiex tagħti l-ordnijiet.

(22) Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti li jirregolaw il-proċeduri u d-drittijiet sabiex isiru u jitmexxew l-appelli quddiem it-Tribunal, iżda fin-nuqqas ta' tali regolamenti u bla ħsara għar-regoli ta' ġustizzja naturali, it-Tribunal għandu jirregola l-proċedura tiegħu stess.

(23) Il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' b'regolamenti magħmula taħt dan is-subartikolu jistabbilixxi d-drittijiet li għandhom jitħallsu fir-reġistru tal-qorti fir-rigward tal-preżentata ta' atti ġudizzjarji marbuta ma' appelli lill-Qorti ta' Appell taħt dan l-artikolu:

Iżda sakemm tali drittijiet jiġu hekk stabbiliti mill-imsemmi Ministru, għandhom japplikaw id-drittijiet elenkati fl-Iskeda A li tinsab mal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Kap. 12.

(24) Appell magħmul taħt dan l-artikolu ma għandux jissospendi l-operat ta' kwalunkwe deċiżjoni jew direttiva li minnha jsir l-appell:

Iżda kwalunkwe deċiżjoni sabiex tiġi kkanċellata liċenzja jew awtorizzazzjoni ma għandhiex issir operattiva qabel ma jiskadi ż-żmien li fih jista' jsir l-appell taħt dan l-artikolu u, jekk isir appell f'tali żmien, id-deċiżjoni għandha ssir operattiva fid-data tad-deċiżjoni tat-Tribunal li tiċħad l-appell, jew fid-data li fiha l-appell jiġi abbandunat:

Iżda wkoll fejn appell ikun jikkonċerna xi deċiżjoni tal-Kumitat ta' Riżoluzzjoni għat-teħid ta' miżura għall-ġestjoni ta' kriżi:

(a) il-preżentata ta' appell minn tali deċiżjoni ma għandha tinvolvi l-ebda sospensjoni awtomatika tal-effetti tad-deċiżjoni kontestata; u

(b) id-deċiżjoni tal-Kumitat ta' Riżoluzzjoni għandha tkun tista' tiġi infurzata minnufih u din għandha tagħti lok għal preżunzjoni konfutabbli li s-sospensjoni tal-infurzar tagħha tmur kontra l-interess pubbliku.

(25) F'dan l-artikolu "awtorità kompetenti" tirreferi għall-Awtorità taħt dan l-Att u taħt kull liġi oħra li għall-finijiet tagħha din tinħatar bħala l-awtorità kompetenti.".

Żieda ta' artikolu ġdid mal-Att prinċipali.

30. Minnufih wara l-artikolu 21 tal-Att prinċipali, kif sostitiwit, għandu jiġi miżjud l-artikolu ġdid li ġej:

"Reġistru tat-Tribunal dwar Servizzi Finanzjarji.

21A. (1) Għandu jkun hemm reġistru biex iservi lit-Tribunal dwar Servizzi Finanzjarji li għandu jkun magħruf bħala ir-"Reġistru tat-Tribunal dwar Servizzi Finanzjarji".

(2) (a) Ir-Reġistru għandu jkun depożitarju kompetenti sabiex jirċievi l-atti kollha, talbiet bil-miktub u dokumenti oħra li, skont dan l-Att jew kwalunkwe liġi oħra għandhom jiġu ppreżentati fit-Tribunal. Kwalunkwe dispożizzjoni fi kwalunkwe liġi li tagħmel referenza għall-preżentata ta' kwalunkwe att jew dokument lit-Tribunal għandha tinftiehem bħala referenza għall-preżentata ta' tali att jew dokument fir-reġistru hawn stabbilit:

Iżda kwalunkwe att, talbiet bil-miktub jew dokumenti oħra ppreżentati b'mezzi elettroniċi għandhom, għall-finijiet u għanijiet kollha tal-liġi, jitqiesu li jkunu ġew ippreżentati direttament fir-reġistru u kwalunkwe kopja tagħhom maħruġa mir-reġistru għandha, għall-finijiet u għanijiet kollha tal-liġi, titqies li hi l-oriġinal.

(b) L-atti kollha, talbiet bil-miktub u dokumenti ppreżentati fit-Tribunal sa mid-data li fiha ġie stabbilit, għandhom jiġu trasferiti lir-reġistru u l-arkivji tat-Tribunal.

(3) (a) Il-Ministru għandu jaħtar persuna sabiex taġixxi bħala "Direttur Eżekuttiv tar-Reġistru tat-Tribunal dwar Servizzi Finanzjarji".

(b) Id-Direttur Eżekuttiv għandu jkun persuna li fl-opinjoni tal-Ministru hi idonea u xierqa sabiex ikollha dik il-kariga u li jkollha il-kwalifiki, esperjenza u kompetenza meħtieġa sabiex taqdi r-responsabbiltajiet ta' dik il-kariga. Fid-determinazzjoni dwar jekk persuna tkunx idonea u xierqa, il-Ministru għandu jqis l-integrità ta' dik il-persuna, ir-reputazzjoni u l-integrità tagħha u d-diliġenza li biha x'aktarx twettaq ir-responsabbiltajiet tagħha.

(ċ) Il-Ministru jista' b'regolamenti jippreskrivi l-funzjonijiet, setgħat u dmirijiet li għandhom jitwettqu mid-Direttur Eżekuttiv, il-kwalifiki u l-kriterji għall-ħatra u l-ħwejjeġ kollha anċillari għall-istess.

(4) Id-Direttur Eżekuttiv għandu jkun il-kap tar-Reġistru u għandu jkun responsabbli għall-ġestjoni u l-amministrazzjoni tar-reġistru u tal-arkivji u għall-affarijiet kollha li huma meħtieġa għall-iffunzjonar tajjeb tat-Tribunal. Id-Direttur Eżekuttiv jista' jkun assistit minn tali uffiċjali u persunal ieħor kif il-Ministru jista' jiddetermina.

(5) Bla ħsara għall-funzjonijiet, setgħat u dmirijiet li jistgħu, b'regolamenti, ikunu mogħtija lilu, id-Direttur Eżekuttiv għandu:

(a) jirċievi u jirreġistra l-atti kollha, it-talbiet bil-miktub u dokumenti oħra li għandhom jiġu ppreżentati fit-Tribunal skont kwalunkwe liġi;

(b) iżomm reġistru tal-każijiet u proċeduri kollha quddiem it-Tribunal;

(ċ) jirreġistra l-ordnijiet u deċiżjonijiet tat-Tribunal;

(d) iżomm rekord u minuti tal-proċeduri waqt is-seduti u, jew is-smigħ fit-Tribunal;

(e) jirreġistra kwalunkwe talba verbali magħmula lit-Tribunal minn kwalunkwe parti fil-proċeduri;

(f) joħroġ kopji veri ċċertifikati ta' kwalunkwe att jew dokument li jeżisti fir-reġistru, inklużi tali atti u dokumenti li setgħu ġew ippreżentati permezz ta' mezzi elettroniċi; u

(g) iżomm reġistru bl-indirizzi elettroniċi tal-persuni kollha li jipparteċipaw fil-proċeduri tal-appell u tali reġistru għandu jkun disponibbli lill-persuni kollha li jipparteċipaw fl-imsemmi appell.

(6) Id-Direttur Eżekuttiv għandu jkun responsabbli għan-notifika u eżekuzzjoni ta' kwalunkwe atti u ordnijiet oħra mogħtija mit-Tribunal u li jwettaq tali dmirijiet oħra li jistgħu jiġu assenjati lilu miċ-Chairperson tat-Tribunal.

(7) Id-Direttur Eżekuttiv għandu jkun responsabbli għaż-żamma sigura tal-atti u d-dokumenti kollha ppreżentati fir-reġistru.

(8) Fit-twettiq tad-dmirijiet tiegħu d-Direttur Eżekuttiv għandu jirrapporta lil, u jirċievi istruzzjonijiet miċ-Chairperson tat-Tribunal fir-rigward ta' kwalunkwe proċeduri quddiem it-Tribunal u fir-rigward ta' kwalunkwe att u, jew dokument li jifforma parti minn tali proċeduri.

(9) It-Tribunal għandu jżomm arkivji, inkluż f'format elettoniku, li fih jiġu depożitati r-rekords, l-atti, it-talbiet bil-miktub u d-dokumenti tal-każijiet u l-proċeduri tat-Tribunal. Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti sabiex jirregola l-arkivji u l-ġestjoni tagħhom.

(10) Id-Direttur Eżekuttiv għandu jkun responsabbli għall-amministrazzjoni tal-arkivji u ż-żamma xierqa fihom ta' dokumenti, l-aċċess għalihom, l-għamla u l-awtentifikazzjoni ta' kopji u għall-affarjiet kollha li jirrigwardaw l-arkivji.

(11) Il-Ministru jista' b'regolamenti jippreskrivi l-kwistjonijiet kollha li huma meħtieġa għall-funzjonament xieraq tar-reġistru.".

Emenda tal-artikolu 22 tal-Att prinċipali.

31. Fil-paragrafu (d) tal-artikolu 22 tal-Att prinċipali l-kliem "mill-Awtorità." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "mill-Awtorità:" u minnufih wara għandu jiġi miżjud il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda d-dħul li jinkiseb mill-ħlas ta' penali amministrattivi għandu jiġi trasferit lill-Fond Konsolidat.".

Emenda tal-artikolu 23 tal-Att prinċipali.

32. L-artikolu 23 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu l-kliem "Il-Kumitat Eżekuttiv" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "L-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni";

(b) fis-subartikolu (4) tiegħu l-kliem "il-Kumitat Eżekuttiv jista' jadotta estimi supplimentari" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "l-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni jista' jara li jiġu mħejjija estimi supplementari".

Emenda tal-artikolu 28 tal-Att prinċipali.

33. Fl-artikolu 28 tal-Att prinċipali l-kliem "kmieni kemm jista' jkun iżda mhux aktar tard minn sitt xhur" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "kmieni kemm jista' jkun, iżda mhux aktar tard minn sitt (6) xhur".

Sostituzzjoni tal-artikolu 29 tal-Att prinċipali.

34. L-artikolu 29 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit bl-artikolu ġdid li ġej:

"Eżenzjoni minn responsabbiltà.

29. (1) L-Awtorità, il-membri tal-Bord tal-Gvernaturi meta jkunu qegħdin jaġixxu fi kwalunkwe funzjoni assenjata lill-Bord taħt kwalunkwe dispożizzjoni ta' dan l-Att, kwalunkwe korp jew organu ieħor tal-Awtorità, inkluż kwalunkwe kumitat jew sottokumitat stabbilit taħt dan l-Att, u kwalunkwe membru jew uffiċjal ta' dak il-korp jew organu u l-uffiċjali u l-impjegati tal-Awtorità, ma għandhomx ikunu responsabbli għal danni fir-rigward ta' dak kollu li sar jew li naqas milli jsir fil-qadi tagħhom jew fil-qadi intiż ta' kwalunkwe funzjoni, jew xort'oħra fil-qadi tad-dmirijiet uffiċjali tagħhom, diment li jintwera li l-att jew in-nuqqas ma jkunx sar, jew naqas milli jsir, skont il-każ, b'kondotta ħażina intenzjonata.

(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1), fil-każ ta' kwalunkwe proċeduri ġudizzjarji kontra xi membru tal-Bord tal-Gvernaturi jew xi membru jew uffiċjal ta' kwalunkwe korp jew organu tal-Awtorità, jew ta' kwalunkwe kumitat jew sottokumitat stabbilit taħt dan l-Att, jew kontra xi uffiċjal jew impjegat tal-Awtorità, fir-rigward ta' talba għal danni għal kwalunkwe att magħmul jew li naqas milli jsir fil-qadi jew il-qadi pretiż tal-funzjoni tagħhom jew xort'oħra fit-twettiq tad-dmirijiet uffiċjali tagħhom, id-dispożizzjonijiet applikabbli tal-Att dwar ir-Responsabbiltà ta' persuni li jokkupaw Kariga Pubblika u ta' Entitajiet Pubbliċi għandhom ukoll japplikaw.

Kap. 652.

(3) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu:

(a) il-fraži "dan l-Att" għandha tinkludi kwalunkwe Att ieħor amministrat mill-Awtorità u kwalunkwe regolamenti jew regoli magħmula taħtu; u

(b) il-frażijiet "membri", "kwalunkwe membru jew uffiċjal" u "uffiċjali u impjegati" għandhom jinkludu membri preċedenti, kwalunkwe membru jew uffiċjal preċedenti, u uffiċjali u impjegati preċedenti, rispettivament:

Iżda l-att jew l-ommissjoni tagħhom iridu jkunu saru jew naqsu milli jsiru matul it-twettiq tal-funzjonijiet tagħhom, jew b'xi mod ieħor fl-eżerċizzju tad-dmirijiet uffiċjali tagħhom matul tali perjodu ta' żmien meta kienu qed iservu lill-Awtorità, u jintwera li l-att jew l-ommissjoni ma sarux jew naqsu milli jsiru, skont il-każ, permezz ta' mġiba ħażina intenzjonata.".

Żieda ta' artikolu ġdid mal-Att prinċipali.

35. Minnufih wara l-artikolu 31 tal-Att prinċipali, għandu jiġi miżjud l-artikolu ġdid li ġej:

"Dispożizzjonijiet tranżitorji addizzjonali u kostruzzjoni tar-referenzi.

32. (1) Kwalunkwe deċiżjoni meħuda mill-Kumitat Eżekuttiv, jew minn sottokumitat tiegħu, jew minn kwalunkwe uffiċjal tal-Awtorità li lilhom il-Kumitat Eżekuttiv ikun iddelega setgħat ta' teħid ta' deċiżjonijiet, qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-artikolu, għandhom ikomplu japplikaw.

(2) Kwalunkwe deċiżjoni li tirrigwarda l-approvazzjoni ta' prospetti u l-ammissibbiltà għall-elenkar, meħuda mill-Bord tal-Gvernaturi jew minn kwalunkwe kumitat, sottokumitat jew uffiċjal tal-Awtorità li lilhom il-Bord tal-Gvernaturi ddelega setgħat ta' teħid ta' deċiżjonijiet qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-artikolu, għandhom ikomplu japplikaw.

(3) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu l-kelma "deċiżjoni" għandha tinkludi liċenzji maħruġa, approvazzjonijiet u awtorizzazzjonijiet mogħtija, u kwalunkwe azzjoni regolatorja meħuda.

(4) Kwalunkwe referenza fi kwalunkwe liġi għall-Kumitat ta' Verifika għandha tinqara u tinftiehem bħala referenza għall-Kumitat ta' Verifika u Riskju kif imfisser fl-artikolu 2.".

Emenda tal-Ewwel Skeda li tinsab mal-Att prinċipali.

36. L-Ewwel Skeda li tinsab mal-Att prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) il-partita 2 tagħha għandha tiġi sostitwita bil-partita ġdida li ġej:

"Il-Kumitat ta' Riżoluzzjoni.

2. (1) Il-Kumitat ta' Riżoluzzjoni għandu jwettaq il-funzjonijiet tal-Awtorità tar-Riżoluzzjoni. Il-Kumitat għandu jiżgura li jkun hemm konformità sħiħa u kompluta mal-ħtiġijiet u l-obbligi preskritti b'regolamenti magħmula taħt dan l-Att, kemm direttament, jew b'kollaborazzjoni mal-awtoritajiet Ewropej u ta' pajjiżi terzi ta' riżoluzzjoni, u jista', għal tali finijiet, jeżerċita kwalunkwe waħda mis-setgħat tiegħu taħt dan l-Att u taħt kwalunkwe regolamenti magħmula taħtu.

(2) Il-Kumitat ta' Riżoluzzjoni għandu jkun magħmul minn ħames (5) persuni kif ġej:

(a) żewġ (2) membri maħtura mill-Bord tal-Gvernaturi minn fost il-membri tiegħu;

(b) l-Uffiċjal Deputat Kap Eżekuttiv responsabbli għall-infurzar;

(ċ) l-Uffiċjal Deputat Kap Eżekuttiv responsabbli għall-affarjiet legali; u

(d) persuna maħtura mill-Ministru

responsabbli għall-finanzi.

Il-Bord tal-Gvernaturi għandu jaħtar Chairperson u Deputat Chairperson minn fost il-membri tal-Kumitat.

(3) (a) Il-Kumitat ta' Riżoluzzjoni għandu jaġixxi b'mod indipendenti mill-organi u Taqsimiet tal-Awtorità.

(b) Il-Kumitat ta' Riżoluzzjoni għandu jirrapporta lill-Bord tal-Gvernaturi dwar l-objettivi tiegħu u t-tmexxija tal-funzjonijiet tiegħu.

(4) Il-*quorum* meħtieġ għal-laqgħat tal-Kumitat ta' Riżoluzzjoni għandu jkun ta' mhux inqas minn tliet (3) membri, li jinkludi ċ-Chairperson jew, fl-assenza tiegħu, id-Deputat Chairperson. Id-deċiżjonijiet tal-Kumitat għandhom jittieħdu b'maġġoranza tal-voti tal-membri preżenti, u f'każ ta' voti indaqs, iċ-Chairperson jew id-Deputat Chairperson li jippresjedi l-laqgħa għandu jkollu vot oriġinali kif ukoll it-tieni vot jew vot deċiżiv. Il-Kumitat għandu jirregola l-proċeduri tiegħu stess.

(5) Iċ-Chairperson tal-Kumitat ta' Riżoluzzjoni għandu jaħtar uffiċjal tal-Awtorità sabiex jagħmilha ta' segretarju għall-Kumitat ta' Riżoluzzjoni għal tali tul ta' żmien u taħt dawk it-termini u kondizzjonijiet kif l-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni jista' jqis xieraq.

(6) Għandu jkun id-dmir tas-Segretarju li jagħmel it-tħejjijiet meħtieġa għal-laqgħat tal-Kumitat ta' Riżoluzzjoni u li jżomm il-minuti ta' dawk il-laqgħat.

(7) Il-Kumitat ta' Riżoluzzjoni jista' jistieden kwalunkwe persuna, inkluż mill-Bank Ċentrali ta' Malta u minn kwalunkwe awtorità kompetenti lokali, korp jew entità oħra, u jista' jeħtieġ li kwalunkwe uffiċjal tat-Taqsima ta' Riżoluzzjoni jew tal-Awtorità jattendi l-laqgħa tal-Kumitat ta' Riżoluzzjoni u jipparteċipa fid-diskussjoni.";

(b) il-partita 4 tagħha għandha tiġi sostitwita bil-partita ġdida li ġejja:

"Funzjonijiet u setgħat tal-Kumitat ta' Riżoluzzjoni.

4. (1) Bla ħsara għal kwalunkwe funzjoni jew

setgħa oħra mogħtija lilu b'dan l-Att jew bi kwalunkwe liġi jew regolamenti oħra, il-Kumitat ta' Riżoluzzjoni għandu l-funzjoni li:

(a) jirrevedi u jiddeċiedi dwar ir-rakkomandazzjonijiet li jsirulu mit-Taqsima ta' Riżoluzzjoni stabbilita skont din l-Iskeda, dwar deċiżjonijiet ta' riżoluzzjoni;

(b) jikkoordina u jikkonsulta, dwar affarijiet li jkollhom x'jaqsmu mal-estimi u r-riżorsi, mal-Awtorità;

(ċ) jiskambja informazzjoni, fejn meħtieġ, mal-Awtorità;

(d) iwettaq tali funzjonijiet oħra li jiġu assenjati lilu b'dan l-Att jew bi kwalunkwe regolamenti magħmula taħtu;

(e) japplika miżuri ta' riżoluzzjoni meta istituzzjoni tkun qiegħda tfalli jew x'aktarx li ser tfalli;

(f) jikkoopera mill-qrib mal-Awtorità u jikkonsulta mal-Awtorità fit-tħejjija, l-ippjanar u l-applikazzjoni ta' deċiżjonijiet ta' riżoluzzjoni, u fi kwalunkwe każ ieħor fejn tkun meħtieġa tali kooperazzjoni jew konsultazzjoni mis-CRD, mill-BRRD jew mis-CRR;

(g) jikkoopera mill-qrib u jikkonsulta mal-awtoritajiet, kemm lokali kif ukoll barranin, sabiex jikkoordina miżuri ta' riżoluzzjoni sabiex iħares l-istabbiltà finanzjarja fl-Istati Membri kollha u fl-Istati taż-ŻEE milquta u, meta xi grupp transkonfinali jkun qiegħed ifalli jew x'aktarx li ser ifalli, sabiex jikseb l-eżitu l-aktar effettiv għall-grupp kollu fl-intier tiegħu u fil-każijiet l-oħra kollha meta kwalunkwe tali kooperazzjoni jew konsultazzjoni tkun meħtieġa mis-CRD, mill-BRRD jew mis-CRR;

(h) jikkoopera mal-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni Ewropej u ma' awtoritajiet ta' riżoluzzjoni ta' pajjiżi terzi dwar kwistjonijiet marbuta ma' riżoluzzjoni;

(i) iwaqqaf arranġament ta' finanzjament dwar riżoluzzjoni permezz ta' kontribuzzjonijiet obbligatorji mill-istituzzjonijiet;

(j) jikkomunika lill-Bord tal-Gvernaturi d-deċiżjonijiet tiegħu ta' riżoluzzjoni li jeħtieġu l-implimentazzjoni;

(k) jimplimenta d-deċiżjonijiet ta' riżoluzzjoni msemmija fil-paragrafu (j);

(l) jassisti lill-Awtorità ta' Riżoluzzjoni fuq kwalunkwe ħaġa li taqa' taħt din it-Taqsima, li fuqha l-Awtorità ta' Riżoluzzjoni tkun qiegħda tfittex l-għajnuna.

(2) Fit-twettiq tal-funzjonijiet ġenerali tiegħu l-Kumitat ta' Riżoluzzjoni għandu:

(a) jiżgura li ma għandu jkun hemm l-ebda kunflitt ta' interess mal-funzjonijiet ta' sorveljanza u funzjonijiet oħra tal-Awtorità;

(b) jikseb l-approvazzjoni bil-miktub tal-Ministru, wara li jgħarraf lill-Bord tal-Gvernaturi u lill-Bank Ċentrali ta' Malta, qabel ma jittieħdu kwalunkwe deċiżjonijiet li jista' jkollhom impatt dirett fiskali jew li jkollhom implikazzjonijiet sistematiċi;

(ċ) javża lill-Ministru, wara li jkun għarraf lill-Bord tal-Gvernaturi, dwar kwalunkwe deċiżjoniijiet meħuda minnu skont dan l-Att.

(3) Il-Kumitat ta' Riżoluzzjoni għandu jkollu s-setgħat kollha meħtieġa sabiex ikun jista' jwettaq il-funzjonijiet tiegħu u biex jiżgura l-implimentazzjoni effettiva tad-dispożizzjonijiet tal-BRRD.

(4) Il-Kumitat ta' Riżoluzzjoni għandu:

(a) jiġbor il-kontribuzzjonijiet mill-istituzzjonijiet għall-arranġamenti ta' finanzjament dwar ir-riżoluzzjoni;

(b) jagħmel referenzi lid-Direttorat tal-Infurzar li jirrakkomanda l-impożizzjoni ta' penali amministrattivi fuq:

(i) istituzzjonijiet, għal nuqqas li jikkonformaw mad-deċiżjonijiet indirizzati lilhom;

(ii) kwalunkwe persuna li l-imġiba tagħha, fil-fehma tal-Kumitat ta' Riżoluzzjoni, tammonta għal ksur ta' kwalunkwe dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' kwalunkwe regolamenti jew Regoli maħruġa taħtu li jittrasponu l-BRRD;

(iii) kwalunkwe persuna li tkun naqset milli tkun konformi ma' xi direttiva maħruġa mill-Kumitat ta' Riżoluzzjoni taħt dan l-Att jew ma' kwalunkwe regolamenti jew Regoli maħruġa taħtu li jittrasponu l-BRRD; u

(ċ) jippubblika, jiġbor u jirkupra kwalunkwe penali amministrattivi imposti minnu skont din il-partita.

(5) Il-Kumitat ta' Riżoluzzjoni għandu wkoll is-setgħa li jaħtar maniġer speċjali u stimatur indipendenti skont ir-rekwiżiti tar-Regolamenti dwar Rkupru u Riżoluzzjoni.";

L.S. 330.09.

(ċ) minnufih wara l-partita 4 tagħha, kif sostitwita, għandha tiġi miżjuda l-partita ġdida li ġejja:

"Penali amministrattivi.

4A. (a) Kwalunkwe ksur ta' xi dispożizzjoni ta' dan l-Att jew ta' kwalunkwe regolamenti jew regoli maħruġa taħtu li jittrasponu l-BRRD u kwalunkwe nuqqas ta' konformità ma' xi direttiva maħruġa mill-Kumitat ta' Riżoluzzjoni taħt dan l-Att jew taħt kwalunkwe regolamenti jew Regoli li jittrasponu l-BRRD għandhom ikunu soġġetti għal penali amministrattiva ta':

(i) sa darbtejn l-ammont tal-benefiċċju li jinkiseb mill-ksur, fejn dak il-benefiċċju jkun jista' jiġi stabbilit;

(ii) fil-każ ta' persuna fiżika, sa ħames miljun euro (€5,000,000); jew

(iii) fil-każ ta' persuna ġuridika, sa għaxra fil-mija (10%) mill-valur tal-bejgħ nett annwali totali tal-impriża matul is-sena kummerċjali preċedenti inkluż id-dħul gross li jkun jikkonsisti f'imgħax riċevut u dħul ieħor simili, dħul minn ishma u titoli oħra b'rendiment varjabbli jew fiss, u dħul jew drittijiet li jiġu riċevuti skont l-Artikolu 316 tas-CRR. Fil-każ ta' xi sussidjarja ta' impriża prinċipali, il-valur tal-bejgħ rilevanti jkun dak il-valur tal-bejgħ li jirriżulta mill-kontijiet konsolidati tal-impriża prinċipali ewlenija fis-sena kummerċjali preċedenti.

(b) Fejn l-Awtorità ta' Riżoluzzjoni tiddeċiedi li timponi penali amministrattiva kif imsemmi f'dan il-paragrafu u ma jsirx appell għal din id-deċiżjoni, jew fejn tali deċiżjoni tkun ġiet appellata fi żmien ħmistax (15)-il jum mid-deċiżjoni ta' tali appell, il-penali amministrattiva jekk ikkonfermata, jew kif imnaqqsa jew miżjuda fl-appell, għandha tkun dovuta lill-Awtorità ta' Riżoluzzjoni. Man-notifika ta' kopja tad-deċiżjoni li timponi l-penali jew dik tal-appell, skont il-każ, permezz ta' att ġudizzjarju lill-persuna indikata fid-deċiżjoni, l-imsemmija deċiżjoni għandha tikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-effetti u għanijiet kollha tat-Titolu VII tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivil. L-Awtorità ta' Riżoluzzjoni tista' tistitwixxi proċeduri quddiem il-qrati ċivili sabiex tirkupra bħala dejn l-ammont tal-penali amministrattiva li tkun dovuta lilha:

Kap. 12.

Iżda d-dħul miksub mill-ħlas ta' penali amministrattivi għandu jiġi trasferit lill-Fond Konsolidat.

(ċ) L-impożizzjoni ta' penali amministrattiva mill-Awtorità ta' Riżoluzzjoni skont din il-partita għandha tkun bla ħsara għall-konsegwenzi ta' kwalunkwe att jew ommissjoni ta' min jinstab ħati taħt il-liġi ċivili jew kriminali:

Iżda fil-każijiet kollha fejn l-Awtorità ta' Riżoluzzjoni timponi penali amministrattiva fir-rigward ta' kulma sar jew naqas milli jsir minn

kwalunkwe persuna u tali att jew ommissjoni jikkostitwixxu wkoll reat kriminali, ma jistgħu jittieħdu jew jitkomplew l-ebda proċeduri kontra l-imsemmija persuna fir-rigward ta' tali reat kriminali.";

(d) il-partita 5 tagħha għandha tiġi emendata kif ġej:

(i) is-subpartita (1) tagħha għandha tiġi sostitwita bis-subpartita ġdida li ġejja:

(1) L-Awtorità ta' Riżoluzzjoni għandha tippubblika, fuq is-sit elettroniku uffiċjali tagħha u bi kwalunkwe mezzi oħra ta' komunikazzjoni kif jidhrilha xieraq, kwalunkwe penali amministrattiva għal kwalunkwe ksur tad-dispożizzjonijiet tal-BRRD imposta mill-Awtorità ta' Riżoluzzjoni taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u ta' kwalunkwe regolamenti magħmula jew regoli maħruġa taħtu. Tali pubblikazzjonijiet għandhom jinkludu informazzjoni fuq it-tip u x-xorta tal-ksur u l-identità tal-persuna li fuqha qiegħda tiġi imposta l-penali amministrattiva. Il-pubblikazzjoni għandha ssir mingħajr dewmien żejjed wara li dik il-persuna tkun infurmata b'dawk il-penali:

Iżda f'dawk il-każijiet fejn ikun tressaq appell mill-persuna li fuqha ġiet imposta tali penali amministrattiva l-Awtorità għandha, mingħajr dewmien żejjed, tippubblika wkoll, fuq is-sit elettroniku uffiċjali tagħha u bi kwalunkwe mezzi oħra ta' komunikazzjoni li jidhrilha xierqa, informazzjoni dwar l-istatus tal-appell u l-eżitu tiegħu.";

(ii) is-subpartita (2) tagħha għandha tiġi emendata kif ġej:

- il-kliem "L-Awtorità għandha tippubblika l-penali amministrattivi għal kull kontravvenzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-BRRD, imposti mill-Kumitat ta' Riżoluzzjoni" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "L-Awtorità ta' Riżoluzzjoni għandha tippubblika l-penali amministrattivi għal kwalunkwe ksur tad-dispożizzjonijiet tal-BRRD, imposti mill-Awtorità ta' Riżoluzzjoni";

- l-ewwel proviso tagħha għandu jiġi sostitwit bil-proviso ġdid li ġej:";

"Iżda l-pubblikazzjoni fuq bażi anonima għandha tkun miżura eċċezzjonali li teħtieġ li tiġi ġġustifikata mill-Kumitat ta' Riżoluzzjoni:";

(iii) fis-subpartita (3) tagħha l-kliem "tal-Awtorità", kull fejn jokkorru, għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "tal-Awtorità ta' Riżoluzzjoni";

(e) il-partita 6 tagħha għandha tiġi mħassra;

(f) il-partita 8 tagħha għandha tiġi emendata kif ġej:

(i) fis-subpartita (1) tagħha il-kliem "Għandu jkun hemm Sezzjoni għar-Riżoluzzjoni" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Għandu jkun hemm fi ħdan l-Awtorità, Taqsima ta' Riżoluzzjoni";

(ii) is-subpartita (2) għandha tiġi sostitwita bis-subpartita ġdida li ġejja:

"(2) It-Taqsima ta' Riżoluzzjoni għandha tirrapporta dwar, u tipprovdi tali informazzjoni, dokumentazzjoni, aġġornamenti u spjegazzjonijiet dwar attivitajiet u żviluppi fi ħdan il-qasam ta' kompetenza tagħha lill-Kumitat ta' Riżoluzzjoni, liċ-Chairperson tal-Awtorità ta' Riżoluzzjoni u lill-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni, kif tista' tiġi mitluba.";

(iii) fis-subpartita (3) tagħha l-kliem "Direttur tal-Uffiċċju," għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Kap tat-Taqsima,";

(iv) il-paragrafu (d) tas-subpartita (4) tagħha għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu ġdid li ġej:

"(d) tikkoopera, tikkoordina u tiskambja informazzjoni, kif meħtieġ, mat-Taqsimiet u d-Direttorati l-oħra tal-Awtorità.";

(g) fil-partita 9 tagħha l-kliem "ir-rimedji għal deċiżjoni jew azzjoni skorretta mill-Kumitat ta' Riżoluzzjoni" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "ir-rimedji għal deċiżjoni jew azzjoni annullata";

(h) fil-paragrafu (f) tas-subpartita (1) tal-partita 11 tagħha l-kliem "taħt din l-Iskeda." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "taħt din l-Iskeda:" u minnufih għandu jiġi miżjud il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda d-dħul miksub mill-ħlas ta' penali amministrattivi għandu jiġi trasferit lill-Fond Konsolidat.".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 457 tat-22 ta' April, 2026.

ANĠLU FARRUGIA
Speaker

ELEANOR SCERRI
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati